KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 19 ta' Marzu 2009 (27.05)
(OR. en)

7864/09

SCH-EVAL 48
FRONT 21
COMIX 252

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Il-Grupp ta' Abbozzar għall-aġġornament tal-Katalgu Schengen dwar il-Kontroll tal-fruntieri esterni - Ritorn u riammissjoni |
| lil: | Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Evalwazzjoni ta' Schengen |
| Suġġett: | Il-Katalgu Schengen tal-UE Aġġornat dwar il-Kontroll tal-fruntieri esterni - Ritorn u riammissjoni |

# *Il-Katalgu Schengen tal-UE*

# *Kontroll tal-fruntieri esterni*

# *Ritorn u Riammissjoni*

*Rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki*

**WERREJ**


1. INTRODUZZJONI ........................................ 5

2. L-EWWEL PARTI: KONTROLL TAL-FRUNTIERI ESTERNI ........................................ 8

A. Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (ĠIF) ........................................ 8

*1. Kunċett tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri* ........................................ 8

*2. Elementi ewlenin għall-applikazzjoni korretta tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri* ........................................ 8

2.1 Kontroll tal-fruntieri (kontrolli u sorveljanza) kif definit fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, inklużi analiżi tar-riskju u intelligence dwar il-kriminalità rilevanti ........................................ 12

2.2 Il-kxif u l-investigazzjoni tal-kriminalità transkonfini b'koordinazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti kollha tal-infurzar tal-liġi ........................................ 13

2.3 Il-mudell fuq erba' livelli għall-kontroll tal-aċċess (miżuri f'pajjiżi terzi, kooperazzjoni ma' pajjiżi ġirien, kontroll tal-fruntieri u miżuri ta' kontroll fiż-żona ta' moviment liberu, inkluż ir-ritorn) ........................................ 13

2.4 Kooperazzjoni bejn l-aġenziji għall-ġestjoni tal-fruntieri (gwardji tal-fruntiera, id-dwana, il-pulizija, is-sigurtà nazzjonali u awtoritajiet rilevanti oħrajn) u kooperazzjoni internazzjonali ........................................ 15

2.5 Koordinazzjoni u koerenza tal-attivitajiet tal-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Komunità u tal-Unjoni ........................................ 16

*3. Żvilupp tal-Ġestjoni tal-Fruntieri fil-Livell tal-Unjoni Ewropea* ........................................ 17

B. Dettalji tar-rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki ........................................ 18

*1. Strateġija u struttura organizzattiva* ........................................ 18

*2. Persunal u taħriġ* ........................................ 21

*3. Kontrolli tal-fruntieri* ........................................ 23

3.1 B'mod ġenerali ........................................ 23

3.2 Fruntieri tal-art ........................................ 28

3.3 Fruntieri tal-baħar ........................................ 32

3.4 Ajruporti ........................................ 34

*4. Sorveljanza tal-fruntieri* ........................................ 35

4.1 B'mod ġenerali ........................................ 35

4.2. Fruntieri tal-art ........................................ 36

4.3. Fruntieri tal-baħar ........................................ 37

4.4 Ajruporti ........................................ 38

*5. Analiżi tar-riskju u intelligence dwar il-kriminalità* ........................................ 38

*6. Il-kxif u l-investigazzjoni ta' kriminalità transkonfini b'koordinazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti kollha tal-infurzar tal-liġi* ........................................ 39

*7. Miżuri f'pajjiżi terzi ta' transitu u ta' oriġini* ........................................ 40

*8. Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ġirien* ........................................ 41

*9. Miżuri ta' kontroll fiż-żona ta' moviment liberu, inkluż ir-ritorn* ........................................ 42

*10. Kooperazzjoni bejn l-aġenziji għall-ġestjoni tal-fruntieri (gwardji tal-fruntiera, id-dwana, il-pulizija, is-sigurtà nazzjonali u awtoritajiet rilevanti oħrajn)* ........................................ 42

*11. Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri* ........................................ 43

*12. Koordinazzjoni u koerenza tal-attivitajiet tal-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet u korpi oħrajn tal-Komunità u tal-Unjoni* ........................................ 43

*13. Il-prevenzjoni tal-korruzzjoni* ........................................ 44

3. IT-TIENI PARTI: RITORN U RIAMMISSJONI ..... 45

A. Introduzzjoni - miżuri ta' ritorn u riammissjoni għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali ..... 45

B. Dettalji tar-rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki ..... 48
1. Ħarsa ġenerali ta' atti leġislattivi Komunitarji u internazzjonali rilevanti ..... 48
2. Protezzjoni kontra t-tneħħija ..... 50
3. Proċeduri rigward kategoriji speċjali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ..... 51
4. Deċiżjonijiet ta' ritorn ..... 53
5. Arrest ta' ċittadin ta' pajjiż terz ..... 54
6. Detenzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi f'ċentri ta' detenzjoni ..... 55
7. Identifikazzjoni u ħruġ ta' dokumenti proviżorji ta' vvjaġġar ..... 57
8. Ftehimiet ta' riammissjoni ..... 59
9. Tneħħija ..... 60
10. Faċilitazzjoni ta' ritorni volontarji assistiti ..... 61
11. Kooperazzjoni ma' Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi (NGOs) ..... 62
12. Għajnuna/pariri legali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi ..... 62


*

* *

## 1. INTRODUZZJONI

Fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Lulju 2008, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Evalwazzjoni ta' Schengen stabbilixxa l-objettiv li jiġu riveduti u aġġornati l-Katalgi Schengen li fihom ir-rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki inkluż il-Katalgu Schengen dwar il-Kontroll tal-Fruntieri Esterni, Ritorn u Riammissjoni, maħruġ fi Frar 2002. Mill-ewwel edizzjoni tal-Katalgu daħlu fis-seħħ diversi strumenti legali u dokumenti oħrajn li jikkonċernaw il-ġestjoni tal-fruntieri. Barra minn hekk, l-iżviluppi fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri Ewropej kienu pjuttost rapidi.

Il-Katalgu tal-2002 ġie rivedut, b'kont meħud, b'mod partikolari, tad-dokumenti li ġejjin:

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 415/2003 dwar il-ħruġ ta' viżi fil-konfini, inkluż il-ħruġ ta' dawn il-viżi lil baħħara li jkunu in transitu[1];
- Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri;
- Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-obbligu ta' trasportaturi li jikkomunikaw data dwar il-passiġġieri;
- Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 2007/2004/KE tas-26 ta' Ottubru 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;
- Ir-Regolament Nru 562/2006/KE tal-15 ta' Marzu 2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera, u l-emendi;
- Ir-Regolament Nru 1931/2006/KE tal-20 ta' Diċembru 2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera fil-fruntieri esterni fuq l-art tal-Istati Membri u li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen;
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C (2006) 5186 finali tas-6 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi "Manwal Prattiku għall-Gwardjani tal-Fruntieri (Il-Manwal Schengen)" komuni għall-użu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri meta jwettqu kontroll ta' persuni fil-fruntieri u l-emenda tagħha C (2008) 2976 finali;
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4-5 ta' Diċembru 2006 dwar Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (l-2768 laqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fi Brussell);
- Ir-Regolament Nru 863/2007/KE tal-11 ta' Lulju 2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi mekkaniżmu għall-ħolqien ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 fir-rigward ta' dak il-mekkaniżmu u li jirregola l-kompiti u l-poteri ta' uffiċjali mistiedna;
- Il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar "Pakkett dwar il-Fruntieri " tat-13 ta' Frar 2008;
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 u s-6 ta' Ġunju 2008 dwar il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (l-2873 laqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fil-Lussemburgu);

[1] Dan ir-Regolament mhux ser jibqa' jkollu effett hekk kif ir-Regolament li jistabbilixxi l-Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi, li diġà jinsab għall-verifika mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża, isir applikabbli.

- Ir-Regolament Nru 767/2008 tad-9 ta' Lulju 2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir;
- Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 2003/110/KE tal-25 ta' Novembru 2003 fuq l-għajnuna f'każijiet ta' transitu għal raġunijiet ta' tneħħija bl-ajru;
- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2004/191/KE tat-23 ta' Frar 2004 li tistabbilixxi l-kriterji u l-arranġamenti prattiċi għall-kumpens tal-iżbilanċi finanzjarji li jirriżultaw mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/40/KE dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet dwar it-tkeċċija ta' ċittadini ta' pajjiż terz;
- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/573/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-organizzazzjoni ta' titjiriet konġunti għat-tneħħija mit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew iktar, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma suġġetti ta' ordnijiet individwali ta' tneħħija;
- 20 Linja Gwida dwar ir-Ritorn Furzat, adottat mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fl-4 ta' Mejju 2005;
- Id-Direttiva tal-Kunsill (approvata, iżda mhux ippubblikata) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

L-għan tal-Katalgu huwa li jagħmel rakkomandazzjonijiet u jenfasizza l-aħjar prattiki għall-implimentazzjoni tar-regolamenti ta' hawn fuq u ta' dokumenti oħrajn billi jagħti eżempji sabiex jassisti kemm lill-Istati Membri Schengen kif ukoll lill-Istati li qed Jaderixxu għaż-żona Schengen biex japplikaw korrettament l-acquis ta' Schengen.

Il-Katalgu jieħu kont ukoll tal-aħjar prattika definita fir-rapporti tal-Kumitat dwar l-Evalwazzjoni ta' Schengen wara valutazzjoni tal-istat ta' tħejjija tal-Istati Membri biex jikkonformaw mal-acquis ta' Schengen.

Il-Katalgu jikkonsisti f'żewġ partijiet ewlenin, waħda dwar il-Kontroll tal-Fruntieri Esterni u waħda dwar ir-Ritorn u r-Riammissjoni. Taqsima ġenerali tiddeskrivi l-kunċetti bażiċi sottostanti l-politika u l-iżviluppi li għaddejjin fil-livell ta' Unjoni Ewropea. Din it-taqsima hija segwita b'serji ta' rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki, li huma ppreżentati f'forma ta' tabella, b'rakkomandazzjonijiet imniżżlin fuq ix-xellug u l-aħjar prattika mniżżla fuq il-lemin.

Il-Katalgu fih id-definizzjonijiet li ġejjin għat-twettiq ta' dan l-eżerċizzju:

- Ir-rakkomandazzjonijiet: serji mhux eżawrjenti ta' miżuri li għandhom jagħmluha possibbli li tiġi stabbilita bażi għall-applikazzjoni korretta tal-acquis ta' Schengen u għall-monitoraġġ tiegħu;
- L-aħjar prattiki: sett mhux eżawrjenti ta' metodi ta' ħidma jew mudelli ta' miżuri li għandhom jitqiesu bħala l-applikazzjoni ottimali tal-acquis ta' Schengen, bl-intendiment li għal kull parti speċifika tal-kooperazzjoni ta' Schengen tista' tkun possibbli aktar minn l-aħjar prattika waħda.

Fil-laqgħa tiegħu tal-4 u l-5 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni ddefinixxa l-ambitu tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (ĠIF). Il-Kunċett tal-ĠIF huwa pedament fundamentali għall-ġestjoni tal-fruntieri tal-Istati Membri. B'konsapevolezza ta' dan, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Katalgu u l-aħjar prattiki fil-Parti 1 huma maqsumin f'punti u sub-punti li jirriflettu t-test dwar il-ĠIF.

Is-soluzzjoni tal-problema tal-immigrazzjoni illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi kienet waħda mill-għanijiet ewlenin tal-politika komuni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja. Wieħed mill-modi prinċipali biex jiġi ttrattat dak il-fenomenu huwa li tinħoloq politika ta' ritorn effiċjenti inklużi ftehimiet ta' riammissjoni. It-tieni parti ta' dan il-katalgu tiffoka fuq il-kwistjonijiet prinċipali li jikkonċernaw l-arranġamenti prattiċi tar-ritorn. Hija tittratta l-kwistjonijiet proċedurali, l-arranġamenti tekniċi u l-limitu tad-drittijiet iggarantiti lil ċittadini ta' pajjiżi terzi qabel ir-ritorn tagħhom. Hija tenfasizza wkoll ir-rwol ta' atturi oħrajn minbarra tal-istituzzjonijiet governattivi rilevanti fl-iżvilupp ta' sistema ta' ritorn effiċjenti li tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem. B'kont meħud tal-valur li dejjem jiżdied tal-politika ta' ritorn, huwa importanti ħafna li jiġu definiti r-regoli komuni li għandhom jiġu segwiti fl-Istati Schengen.

Id-definizzjonijiet użati huma dawk stabbiliti fir-regolamenti rilevanti.

Ir-rakkomandazzjonijiet huma nnumerati sabiex jiffaċilitaw l-użu tal-Katalgu.

Il-Katalgu ser iservi ta' għodda ta' referenza għal evalwazzjonijiet futuri magħmulin fil-pajjiżi kandidati u sabiex tiġi sorveljata l-applikazzjoni korretta tal-acquis ta' Schengen mill-Istati Schengen.

Il-Katalgu għandu jiġi aġġornat skont il-ħtieġa.

## 2. L-EWWEL PARTI: KONTROLL TAL-FRUNTIERI ESTERNI

### A. ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (ĠIF)

*1. Kunċett tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri*

Mudell ġenerali għall-ġestjoni tal-fruntieri Ewropej huwa għodda importanti għas-salvagwardja tas-sigurtà interna tal-Istati Membri u, b'mod partikolari, biex tiġi pprevenuta u mikxufa l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità relatata kif ukoll il-kriminalità transkonfini.

Fl-2768 laqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni li saret fi Brussell fl-4 u l-5 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill ikkonkluda dan li ġej:

Il-ġestjoni integrata tal-fruntieri (ĠIF) hija kunċett li jikkonsisti fid-dimensjonijiet li ġejjin:

- Il-kontroll tal-fruntieri (kontrolli u sorveljanza) kif definit fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, inklużi analiżi tar-riskju u intelligence dwar il-kriminalità rilevanti
- Il-kxif u l-investigazzjoni ta' kriminalità transkonfini b'koordinazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti kollha tal-infurzar tal-liġi
- Il-mudell fuq erba' livelli għall-kontroll tal-aċċess (miżuri f'pajjiżi terzi, kooperazzjoni ma' pajjiżi ġirien, kontroll tal-fruntieri, miżuri ta' kontroll fiż-żona ta' moviment liberu, inkluż ir-ritorn)
- Kooperazzjoni bejn l-aġenziji għall-ġestjoni tal-fruntieri (gwardji tal-fruntiera, id-dwana, il-pulizija, is-sigurtà nazzjonali u awtoritajiet rilevanti oħrajn) u kooperazzjoni internazzjonali
- Koordinazzjoni u koerenza tal-attivitajiet tal-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Komunità u tal-Unjoni.

Il-koerenza bejn dawn id-dimensjonijiet u l-mod kif inhuma applikati mill-Istati Schengen hija l-qofol tas-suċċess tal-kunċett tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri.

*2. Elementi ewlenin għall-applikazzjoni korretta tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri*

Il-kontroll tal-fruntieri mhuwiex biss fl-interess tal-Istat Membru Schengen fejn isir il-kontroll tal-fruntiera iżda fl-interess tal-Istati Membri kollha li neħħew jew li ser ineħħu l-kontroll tal-fruntiera fil-fruntieri interni tagħhom. Għalhekk, filwaqt li tiġi implimentata l-ġestjoni tal-fruntiera, għandu jinżamm preżenti li l-Istati Membri qegħdin jikkontrollaw il-fruntieri esterni għalihom infushom, iżda wkoll, fl-istess ħin, għal Stati Membri Schengen oħrajn (il-prinċipju ta' solidarjetà). Il-kontroll effiċjenti tal-fruntieri għandu jinżamm kontinwament u l-kontroll għandu jkopri l-fenomeni illegali kollha, inklużi dawk li m'għandhomx impatt fuq is-sigurtà lokali.

F'dan is-sens, il-kontroll estern tal-fruntieri għandu jirċievi attenzjoni adatta minn kull Stat Membru kompetenti. Sabiex jiġi evitat in-nuqqas kostanti tar-riżorsi fl-oqsma fejn it-talbiet għal sigurtà lokali tkun f'kunflitt ma' dawk taż-żona Schengen inġenerali, il-kontroll tal-fruntiera inklużi l-analiżi tar-riskju u l-investigazzjoni kriminali għandhom jibqgħu l-funzjoni prinċipali tal-unitajiet operattivi kompetenti.

Il-ġestjoni tal-fruntieri hija kompitu li jeħtieġ livell għoli ta' professjonalità. Għandu jkun hemm awtorità pubblika prinċipali (mhux militari) kompetenti għall-implimentazzjoni tal-kunċett tal-ĠIF, speċjalment u neċessarjament fir-rigward tal-kontroll tal-fruntiera, li tipprevjeni l-immigrazzjoni illegali matul il-fruntieri esterni u li tiġġieled l-immigrazzjoni illegali fit-territorju tal-Istat Membru. Għandu jkun hemm kmand, kontroll, superviżjoni u struzzjonijiet ċentralizzati speċifikament għall-kontroll tal-fruntieri, l-analiżi tar-riskju u l-investigazzjoni kriminali kif ukoll bejn l-aġenziji u l-kooperazzjoni internazzjonali fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali.

L-awtorità kompetenti, normalment il-Gwardja tal-Fruntiera jew il-Pulizija tal-Fruntiera, għandha tkun iċċentralizzata u strutturata b'mod ċar. Għandu jkun hemm linja ta' kmand diretta bejn l-unitajiet tal-awtorità kompetenti fil-livell ċentrali, reġjonali u lokali, li tiżgura approċċ komuni għall-kontroll tal-fruntiera, sistema unifikata ta' ppjanar u taħriġ, u fluss ta' data rapidu u estensiv fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni.

Il-bażi legali prinċipali għall-ġestjoni tal-fruntiera tinsab fil-leġislazzjoni Komunitarja msemmija hawn fuq. Madankollu, għad hemm il-ħtieġa għal leġislazzjoni kumplimentarja fil-livell nazzjonali, fost oħrajn liġi dwar il-kontroll tal-fruntiera, liġi dwar il-barranin u l-immigrazzjoni u l-liġi dwar il-protezzjoni tad-data, sabiex ikun jista' jiġi implimentat bis-sħiħ il-kunċett tal-ĠIF. Għandu jkun hemm ukoll bażi legali sabiex tippermetti kooperazzjoni internazzjonali bla xkiel u effiċjenti bejn l-aġenziji u skambju ta' informazzjoni. Għandhom jiġu konklużi ma' pajjiżi terzi ġirien u pajjiżi ta' oriġini ftehimiet bħal ftehimiet dwar il-fruntieri u ftehimiet dwar it-traffiku tal-fruntieri lokali kif ukoll ftehimiet ta' riammissjoni. Addizzjonalment, il-qsim illegali tal-fruntiera għandu jkun punibbli permezz tal-liġi, u fuq dawk li jġorru l-immigranti illegali għandhom jiġu imposti multi kif ukoll obbligu għal trasport ta' ritorn.

Strateġija Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Fruntiera li tiddelega b'mod ċar l-kompiti bħall-valutazzjonijiet li għandhom jiġu abbozzati sabiex jingħataw linji gwida għall-iżvilupp u l-ippjanar fi ħdan l-unitajiet rilevanti fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali. L-istrateġija għandha tinkludi valutazzjonijiet tal-ambjent tax-xogħol, ir-riskji u t-theddid, analiżi tar-riżorsi meħtieġa, kif ukoll pjani ta' azzjoni u żvilupp.

Bħala regola ġenerali, persuni li jwettqu dmirijiet ta' gwardja tal-fruntiera għandhom ikunu professjonisti mħarrġin speċifikament. Persuni b'inqas esperjenza għandhom jintużaw biss għal dmirijiet anċillari waqt li jassistu temporanjament lill-professjonisti. L-ebda eċċezzjoni ma hija permessa fir-rigward tad-dmirijiet li jeħtieġu l-użu ta' data personali, konsultazzjoni ta' reġistri kunfidenzjali jew reġistri li jaffettwaw l-integrità fiżika jew il-libertà tal-individwu.

L-analiżi tar-riskju u l-ġestjoni tal-fruntieri jeħtieġu li jkunu appoġġati b'intelligence sistematika. Is-sistemi tal-ġestjoni tar-riskju għandhom ikunu jistgħu jiġbru l-intelligence, janalizzawha u fl-aħħar, jużaw ir-riżultati fil-prattika. Il-Mudell Komprensiv ta' Analiżi tar-Riskji għall-kontroll tal-fruntieri jorbot flimkien l-intelligence, l-analiżi tar-riskju u l-ġestjoni tal-fruntiera fil-livelli kollha. L-intelligence strateġika tfisser l-organizzazzjoni tal-informazzjoni kollha u li minnha tinsilet stampa strateġika tas-sitwazzjoni: fenomeni ta' interess u fatturi sottostanti. Hija tipproduċi statistika, xejriet u deskrizzjonijiet kwalitattivi. L-analiżi strateġika tar-riskji tanalizza l-informazzjoni strateġika prinċipali. Hija tindika tibdiliet potenzjali u tipproponi l-linji ta' politika. L-analisti għandhom ikunu infurmati bis-sħiħ dwar il-paradigmi fundamentali, l-interessi, it-theddid u r-riskji. Il-ġestjoni strateġika hija l-ġestjoni tal-organizzazzjoni permezz ta' objettivi strateġiċi prinċipali (għall-perijodu qasir) u permezz tat-trasformazzjoni (għat-tul).

L-intelligence operattiva torbot l-informazzjoni operattiva fuq il-post u l-informazzjoni strateġika (l-inputs u l-outputs fiż-żewġ direzzjonijiet) f'kuntest "operattivament" validu. Il-kompitu ta' analiżi operattiva tar-riskju huwa li ssir analiżi kwalitattiva u kwantitattiva tal-ambjent operattiv, l-oġġetti attivi u r-riżultati tal-attività proprja. L-għan huwa li tinkiseb informazzjoni valida dwar is-sitwazzjoni prevalenti. Din l-informazzjoni għandha tintuża biex tiffaċilita l-allokazzjoni ottimali tar-riżorsi. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għal-lakuni, pereżempju fejn is-sistema ma taħdimx. Ġestjoni operattiva tfisser il-ġestjoni tar-riżorsi u l-ħtiġiet fi ħdan il-kompiti mogħtijin, l-oqfsa baġitarji, l-assi u l-ġurisdizzjoni. Din il-funzjoni hija relatata mal-unitajiet organizzattivi li għandhom sfera definita ta' responsabbiltà, pereżempju ġurisdizzjoni reġjonali. Analiżi tar-riskju operattiva tipprovdi wkoll indikaturi tar-riskju u profili għal-livelli tattiċi.

Intelligence tattika (fuq il-post) tfisser li tgħaqqad lill-ħaddiema operattivi fuq il-post fil-ħidma tagħhom ta' kuljum mas-sistema ta' informazzjoni. Dan ifisser fluss ta' data fuq żewġ naħat (dħul u ħruġ ta' informazzjoni). Fuq livell prattiku, dan ifisser valutazzjoni ta' persuni, vetturi, bastimenti jew titjiriet li għandhom jiġu vverifikati. Din il-valutazzjoni hija mwettqa fil-kuntest ta' sitwazzjoni tattika immedjata. Għaldaqstant il-metodi jistgħu jissejħu analiżi tattika tar-riskju.

Sabiex tiġi mikxufa l-kriminalità transkonfini, għandu jitqiegħed aktar enfasi fuq il-proċedura ta' verifika għal individwi u oġġetti individwali. Il-persunal għandu jiġi pprovdut b'għarfien dwar indikaturi ta' riskju, profili ta' riskju u modus operandi tipiku tal-kriminalità transkonfini. Il-persunal għandu jkun mgħarraf ukoll dwar miri speċjali speċifiki ta' sorveljanza u kontrolli.

Analiżi tar-riskju mfassla skont il-bżonn tfisser li tgħaqqad ċerti fenomeni jew każijiet. Analiżi tar-riskju mfassla skont il-bżonn hija reazzjoni immedjata għall-każijiet reali identifikati fil-fruntiera. L-għan prinċipali huwa li l-istrutturi l-oħrajn jiġu infurmati dwar l-indikaturi tar-riskju.

Konsapevolezza tas-sitwazzjoni tkejjel sa fejn l-awtoritajiet huma kapaċi jikxfu movimenti transkonfini u jsibu soluzzjonijiet raġonevoli komuni għal miżuri ta' kontroll. Fil-prattika, il-konsapevolezza tas-sitwazzjoni turi kif l-awtoritajiet jiddefinixxu l-medda ta' żmien u ż-żoni għal tliet funzjonijiet: il-kxif ta' movimenti li possibbilment jistgħu jkunu tentattivi ta' qsim illegali tal-fruntiera, l-identifikazzjoni tal-oġġetti jew individwi mikxufin u l-analiżi tal-objettivi identifikati preċedenti fi żmien debitu.

Sabiex l-attivitajiet ta' kontroll tal-fruntiera jkunu jistgħu jiġu ġestiti u biex il-ĠIF jiġi implimentat b'mod effettiv, għandha tingħata attenzjoni kostanti għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni. Għaldaqstant, l-eżerċizzju ta' sistema ta' ġestjoni tal-fruntiera għandu jiġi aġġustat skont il-kondizzjonijiet prevalenti tul il-fruntieri kollha tiegħu. Data valida u affidabbli għandha tagħmel parti minn evalwazzjoni permanenti, li tista' tiġi kondiviża ma' Stati Schengen oħra. Sabiex tkun żgurata konsapevolezza adegwata tas-sitwazzjoni u biex tiġi stabbilita u miżmuma stampa komprensiva u affidabbli tas-sitwazzjoni, tal-analiżi tar-riskju għandhom ikunu ċentralizzati u strutturati b'mod ċar fil-livelli kollha fil-qafas ta' organizzazzjoni li hija responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntiera.

Il-kapaċità ta' reazzjoni fil-fruntieri (ajru, baħar u art) tkejjel iż-żmien ta' reazzjoni għal tentattiv ta' attivitajiet illegali tul il-fruntiera, u wkoll ir-rapidità u l-mod ta' reazzjoni għal ċirkostanzi mhux tas-soltu. Il-ġestjoni tal-fruntiera għandu jkollha tali kapaċità ta' reazzjoni li meta meħtieġ, l-allokazzjoni tar-riżorsi tista' tkun adatta skont il-ħtieġa: Ir-riżervi, il-persunal u t-tagħmir għandu jkun jista' jirreaġixxi għat-tibdil tul il-fruntieri u fil-punti ta' qsim tal-fruntiera. Għandhom jitfasslu pjani biex jittrattaw l-immigrazzjoni illegali fuq skala kbira u għal għarrieda.

Il-kapijiet kollha fil-qasam u l-persuni li jevalwaw il-ġestjoni tal-fruntieri għandhom ikunu jistgħu jevalwaw il-livell tal-konsapevolezza tas-sitwazzjoni u l-kapaċità ta' reazzjoni.

*2.1 Kontroll tal-fruntieri (kontrolli u sorveljanza) kif definit fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, inklużi analiżi tar-riskju u intelligence dwar il-kriminalità rilevanti*

Il-qasam ċentrali tal-istrateġija ġenerali dwar il-fruntieri hija ġestjoni funzjonali tal-fruntieri, li tikkonsisti f'kontrolli tal-fruntieri u sorveljanza tal-fruntieri, abbażi ta' analiżi tar-riskju. Il-kontroll tal-fruntiera huwa element ċentrali fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin u biex tkun ipprevenuta kull theddida għas-sigurtà interna, l-ordni pubbliku, is-saħħa pubblika u r-relazzjonijiet internazzjonali tal-Istati Membri. Hija attività tal-infurzar tal-liġi multi-dixxiplinarja, u interess kondiviż fost l-Istati Membri.

Il-kontroll tal-fruntiera għandu jiġi implimentat skont ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen). Meta jwettqu dmirijiethom, il-gwardji tal-fruntiera għandhom isegwu r-rakkomandazzjonijiet u l-istruzzjonijiet mogħtijin fil-Manwal Prattiku għall-Gwardjani tal-Fruntieri (Il-Manwal Schengen) tal-Kummissjoni.

L-elementi essenzjali tal-ġestjoni tal-fruntiera huma kontroll sistematiku tal-persuni kollha li jaqsmu l-fruntieri esterni u s-sorveljanza effettiva tal-fruntiera bejn il-punti ta' qsim tal-fruntiera. F'dan ir-rigward, għandhom jittieħdu l-miżuri kollha adatti sabiex tiġi salvagwardjata s-sigurtà interna u tiġi pprevenuta l-immigrazzjoni illegali.

Ir-riżorsi tal-kontroll tal-fruntiera għandhom jitfasslu skont il-kwantità u l-profil tal-fluss tal-passiġġieri, il-valutazzjoni ta' theddid u l-analiżi tar-riskju. Fir-rigward tal-infrastruttura, għandhom ikunu disponibbli faċilitajiet adatti għat-twettiq tal-kontrolli u s-sorveljanza tal-fruntiera. Jinħtieġu riżorsi umani adegwati. Il-ħtiġiet eżatti għall-kontroll tal-fruntiera jiddependu fuq diversi fatturi, b'mod partikolari: il-pressjoni tal-immigrazzjoni illegali, is-sitwazzjoni ġeografika, il-profil tal-passiġġieri u l-volum tat-traffiku tal-fruntiera. Il-ħtiġiet speċjali għat-tliet tipi differenti ta' fruntieri (ajru, baħar u art) inkluż it-traffiku lokali tal-fruntiera għandhom jintlaħqu.

Stat Membru għandu jkollu l-kapaċità u l-pjani li jirrinforza temporanjament il-kontrolli tal-fruntiera. Il-livelli kollha għandu jkollhom stampa ċara tat-theddid possibbli u jkollhom pjani biex jgħollu l-livell tal-kontrolli. Għandu jkun hemm livelli għar-rinforz tal-kontrolli tal-fruntiera li huma adatti għat-theddid u l-miżuri meħtieġa.

Is-sorveljanza tal-fruntiera għandha ssir permezz ta' unitajiet stazzjonarji u mobbli, li jissorveljaw u jgħassu l-postijiet magħrufin li huma sensittivi, appoġġati minn mezzi tekniċi u elettroniċi. L-attivitajiet tas-sorveljanza tal-fruntiera għandhom ikunu bbażati fuq sistema ta' analiżi rilevanti tar-riskju. It-tagħmir u l-mezzi għandhom ikunu adatti għas-sitwazzjoni tal-fruntiera.

L-uffiċjali li jwettqu dawn il-kompiti għandhom ikunu professjonisti u mħarrġin speċifikament. Barra minn hekk, jinħtieġ kunċett ċar ta' taħriġ (bażiku u avvanzat) li jkopri l-ħiliet operattivi, l-għarfien tal-leġislazzjoni, il-lingwi, eċċ.

*2.2 Il-kxif u l-investigazzjoni ta' kriminalità transkonfini b'koordinazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti kollha tal-infurzar tal-liġi*

Waqt it-twettiq ta' dmirijiethom, il-gwardji tal-fruntiera jħabbtu wiċċhom ma' reati relatati mal-fruntiera, fost oħrajn, it-traffikar ta' bnedmin, merkanzija, drogi u armi, dokumenti tal-ivvjaġġar foloz u iffalsifikati, proprjetà misruqa, vetturi misruqin, eċċ. Biex tiżdied is-sigurtà interna tal-Istati Membri, u biex tiżdied il-kapaċità li jinkixfu azzjonijiet illegali, l-awtorità tal-ġestjoni tal-fruntiera għandu jkollha rwol fl-investigazzjoni ta' dawn it-tipi ta' reati. Il-parteċipazzjoni f'tali investigazzjonijiet iżżid l-għarfien tal-Gwardja tal-Fruntiera rigward il-modus operandi u r-rotot tal-immigrazzjoni illegali, u tiffaċilita l-produzzjoni ta' indikaturi tar-riskju u l-profili.

B'mod partikolari, l-investigazzjoni tal-qsim illegali tal-fruntiera, ta' dokumenti tal-ivvjaġġar foloz u t-traffikar tal-bnedmin għandhom ikunu l-kompiti ta' awtorità tal-ġestjoni tal-fruntiera. Fl-investigazzjoni ta' reati transkonfini, il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji għandha tkun mill-qrib ħafna. Modi ta' kooperazzjoni f'dan il-qasam huma, pereżempju, il-kondiviżjoni ta' intelligence u l-istabbiliment ta' gruppi ta' investigazzjoni konġunta, bażijiet tad-data komuni u skambju faċli ta' informazzjoni.

*2.3 Il-mudell fuq erba' livelli għall-kontroll tal-aċċess (miżuri f'pajjiżi terzi, kooperazzjoni ma' pajjiżi ġirien, kontroll tal-fruntieri u miżuri ta' kontroll fiż-żona ta' moviment liberu, inkluż ir-ritorn)*

Il-mudell fuq erba' livelli għall-kontroll tal-aċċess jifforma l-qalba ta' Ġestjoni Integrata tal-Fruntiera. F'termini simplifikati, il-mudell jitlob li jiġi implimentat sett ta' miżuri kumplimentarji fil-livelli differenti.

Miżuri fuq l-ewwel livell jittieħdu minn pajjiżi terzi, speċjalment f'pajjiżi ta' oriġini u transitu. Dawn il-miżuri jinkludu pariri u taħriġ mill-uffiċjali ta' kollegament u l-esperti dwar id-dokumenti fir-rigward tal-proċess tal-viża għal uffiċjali konsulari f'postijiet konsulari u għall-persunal ta' kumpanniji ta' ġarr f'pajjiżi terzi ta' oriġini jew transitu, li huma s-sors tar-riskji ġġenerati mill-immigrazzjoni illegali.

It-tieni livell jikkonsisti minn kooperazzjoni ma' pajjiżi ġirien. Ftehimiet ma' pajjiżi ġirien dwar kooperazzjoni fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntiera huma għodda effiċjenti biex tiżdied is-sigurtà tal-fruntiera. Il-kooperazzjoni għandha tiġi realizzata billi jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' ħidma adatti bħall-iskambju ta' informazzjoni, kanali ta' komunikazzjoni adatti, punti ta' kuntatt ċentrali, reġjonali u lokali, proċeduri ta' emerġenza, l-ittrattar ta' inċidenti b'mod oġġettiv sabiex jiġi evitat it-tilwim politiku, eċċ. L-istrutturi ta' kooperazzjoni reġjonali tul il-fruntieri esterni għandhom jiġu stabbiliti wkoll fiż-żoni marittimi. Dawn l-inizjattivi għandhom ilaqqgħu flimkien il-pajjiżi kollha fir-reġjun.

Il-kontroll tal-fruntiera, bħala t-tielet livell tal-mudell, tiggarantixxi kontrolli sistematiċi tal-fruntiera għal kull persuna li tidħol jew toħroġ iż-żona Schengen. Huwa jiżgura wkoll livell adegwat sabiex jiġi espost il-qsim illegali tal-fruntiera f'żoni bejn il-punti ta' qsim tal-fruntiera jew permezz tal-baħar, bl-użu ta' dokumenti foloz jew billi l-persuni jinħbew f'mezzi tat-trasport. Il-kontroll tal-fruntiera huwa parti mill-prevenzjoni tal-kriminalità nazzjonali, billi huwa jikxef u jiżvela t-traffikar tal-bnedmin, il-proprjetà misruqa u reati oħra trankonfini relatati mal-fruntiera kif ukoll jikkontribwixxi għall-kxif ta' reati serji.

Ir-raba' livell jinkludi l-miżuri ta' kontroll fiż-żona ta' moviment liberu, inkluż ir-ritorn. Dawn il-miżuri jipprevjenu l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfini fit-territorju tal-Istati Schengen permezz ta' tfittxijiet, kontrolli u sorveljanza mtejbin abbażi tal-informazzjoni nazzjonali, u skont il-liġi nazzjonali. L-immigranti illegali mikxufin fit-territorju Schengen għandhom jittieħdu taħt il-kontroll tal-awtoritjiet. Dawn għandhom jiġu rreġistrati, u jekk ma teżisti l-ebda raġuni għal residenza, u jekk ma hemmx ostakoli abbażi ta' raġunijiet umanitarji konvinċenti jew tal-liġi internazzjonali, dawn għandhom jiġu ripatrijati lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-istandards minimi għall-miżuri ta' kontroll fit-territorju tagħhom u flimkien ma' awtoritajiet rilevanti oħrajn, f'postijiet magħrufin li huma kritiċi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, f'konnessjonijiet ta' traffiku transkonfini, eċċ.

*2.4 Kooperazzjoni bejn l-aġenziji għall-ġestjoni tal-fruntieri (gwardji tal-fruntiera, id-dwana, il-pulizija, is-sigurtà nazzjonali u awtoritajiet rilevanti oħrajn) u kooperazzjoni internazzjonali*

Il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji hija meħtieġa fil-livelli kollha (nazzjonali, reġjonali u lokali), għall-awtoritajiet kollha kompetenti għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfini. M'għandux ikun hemm dubji dwar liema awtorità hija kompetenti f'kull sitwazzjoni partikolari.

Il-politika dwar il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji għandha tiġi definita f'laqgħat tal-kapijiet tal-aġenziji involuti fil-ġestjoni tal-fruntiera u l-prevenzjoni tal-kriminalità transkonfini. L-ippjanar tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji jista' jsir fil-livelli kollha (nazzjonali, reġjonali u lokali). Il-kooperazzjoni għandha tkun ippjanata abbażi ta' intendiment komuni tas-sitwazzjoni (analiżi komuni tar-riskji u t-theddid). B'mod partikolari, l-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtorijiet kompetenti hija essenzjali, inkluż mekkaniżmu sabiex jiġu riżolti l-konflitti possibbli dwar il-kompetenza bejn l-awtoritajiet. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni għandha tkopri l-kwistjonijiet operattivi, pereżempju l-użu ta' tagħmir ta' komunikazzjoni kompatibbli, l-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet konġunti u l-parteċipazzjoni f'taħriġ u eżerċizzji komuni.

Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri għandha ta' mill-inqas tkopri l-Istati Membri ġirien kollha. Ukoll il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri fil-qafas tal-FRONTEX hija essenzjali. Għall-Istat Membru individwali l-għan tal-parteċipazzjoni fil-kooperazzjoni koordinata tal-FRONTEX huwa biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri l-oħrajn li qed jiffaċċjaw pressjoni ta' immigrazzjoni illegali, biex jiġu żviluppati prattiki tajbin għall-ġestjoni tal-fruntiera u jiżdied il-professjonalità tal-persunal tiegħu matul il-proċess.

L-Istati Membri li qed jiffaċċjaw pressjoni ta' immigrazzjoni li dejjem tiżdied jistgħu jitolbu lill-FRONTEX jew li tniedi operazzjoni konġunta jew li tiskjera lil RABIT (Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri) f'dawk il-postijiet li jinsabu taħt pressjoni kbira. Għandha tiġi żviluppata l-kapaċità li dawn it-timijiet jiġu ospitati u li uffiċjali mistiedna jintbagħtu jingħaqdu ma' timijiet barra l-pajjiż. Jekk meħtieġ għandha tiġi adottata l-leġislazzjoni nazzjonali adatta sabiex dawn il-proċeduri jkunu jistgħu jsiru.

Il-fini tal-inizjattiva FRONTEX, magħrufa bħala n-Netwerk Ewropew ta' Pattulji (EPN), huwa li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Fil-prattika dan ifisser li l-Istati Membri ġirien jikkooperaw dwar is-sorveljanza marittima billi jippjanaw flimkien il-pattulji taż-żoni tal-baħar. Dan huwa wkoll kunċett li għandu jagħti valur addizzjonali lill-Istati Membri kollha li għandhom fruntieri tal-baħar.

Il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-ġestjoni integrata tal-fruntiera tista' tinqasam f'kooperazzjoni multilaterali, bilaterali, reġjonali u lokali. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi għandha tkopri l-pajjiżi ġirien kollha kif ukoll il-pajjiżi ewlenin ta' oriġini u transitu ta' immigrazzjoni illegali lejn l-Istati Membri kkonċernati. Fir-rigward tal-kooperazzjoni ma' Stati tal-madwar, huwa kkunsidrat meħtieġ li Stati ta' transitu jipprovdu assistenza attiva billi jiżguraw li l-fruntieri tagħhom huma siguri sewwa u billi jieħdu miżuri li mhumiex iffokati fuq il-fruntieri, pereżempju prattika konsistenti ta' ripatrijazzjoni.

*2.5 Koordinazzjoni u koerenza tal-attivitajiet tal-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Komunità u tal-Unjoni*

Il-Gruppi ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill, fost oħrajn, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Fruntieri, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Evalwazzjoni ta' Schengen, is-CIREFI (Ċentru għall-Informazzjoni, Diskussjoni u Skambju dwar il-Qsim tal-Fruntieri u l-Immigrazzjoni), il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Migrazzjoni u t-Tneħħija u l-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża, u korpi oħrajn bħas-SCIFA u l-CATS jiddiskutu l-iżviluppi, l-inizjattivi l-ġodda u l-abbozzi tal-proposti għall-emendar tal-leġislazzjoni li tikkonċerna l-ġestjoni integrata tal-fruntieri tal-Unjoni Ewropea. L-uniformità u l-intendiment komuni tal-ġestjoni tal-fruntiera jżidu t-trasparenza u l-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri. Għalhekk il-parteċipazzjoni attiva fl-iżvilupp tal-ġestjoni tal-fruntiera fi ħdan il-qafas tal-Gruppi ta' Ħidma permanenti tal-Kunsill, il-gruppi ta' ħidma temporanji tal-Kummissjoni u l-inizjattivi tal-FRONTEX jipprovdu valur addizzjonali għall-ġestjoni tal-fruntiera tal-Istati Membri.

L-Istati Membri għandhom jużaw għodda komuni għall-azzjonijiet tagħhom ta' ġestjoni tal-fruntiera, bħall-Manwal Schengen għat-taħriġ u t-twettiq tal-kontrolli tal-fruntiera, il-mudell CIRAM għall-abbozzar tal-analiżi tar-riskju, il-Kurrikulu Ċentrali Komuni, u l-Kurrikulu Komuni ta' Livell Medju għall-ippjanar tat-taħriġ.

Is-sistema ta' evalwazzjoni ta' Schengen hija element essenzjali sabiex tiġi żgurata konformità korretta mal-acquis ta' Schengen, implimentazzjoni adegwata tal-ĠIF u biex tiżdied it-trasparenza tal-ġestjoni nazzjonali tal-fruntieri. Il-parteċipazzjoni fil-missjonijiet ta' evalwazzjoni tagħti lok li ttejjeb l-għarfien tal-Istati Membri dwar l-iżvilupp tal-aħjar prattiki għall-ġestjoni tal-fruntiera. Matul missjoni ta' evalwazzjoni, is-sistema kollha tal-ĠIF ta' Stat Membru Schengen jew ta' pajjiż kandidat għandha tiġi spezzjonata komprensivament, tkopri l-korp ta' kmand jew ta' koordinazzjoni għall-kontroll tal-fruntiera fil-livell nazzjonali, it-tipi varji ta' fruntieri, u unitajiet rilevanti oħrajn, inklużi l-unitajiet tal-analiżi tar-riskju u ċ-ċentri ta' koordinazzjoni nazzjonali.

### *3. Żvilupp tal-Ġestjoni tal-Fruntieri fil-Livell tal-Unjoni Ewropea*

Waqt l-implimentazzjoni tal-kunċett tal-ĠIF tal-Unjoni Ewropea u l-iżvilupp tal-ġestjoni tal-fruntiera fl-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati Schengen, għandhom isiru provvedimenti għal żviluppi futuri fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntiera tal-UE.

Fit-13 ta' Frar, 2008, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet tliet komunikazzjonijiet, magħrufin flimkien bħala l-Pakkett dwar il-Fruntieri: 1) Rapport dwar l-evalwazzjoni u l-iżvilupp futur tal-aġenzija FRONTEX, 2) Is-sistema Ewropea tas-sorveljanza tal-fruntiera (EUROSUR) u, 3) L-isfidi futuri għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE. Ittieħdu passi sabiex jiġu implimentati l-proposti maġġuri magħmulin fil-komunikazzjonijiet. Dan il-progress - li qiegħed iseħħ fil-livell ta' UE - għandu jkun rifless fl-iżvilupp tal-ġestjoni tal-fruntieri tal-Istati Membri kif ukoll tal-pajjiżi kandidati.

**B. DETTALJI TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET U L-AĦJAR PRATTIKI**

| RAKKOMANDAZZJONIJIET | L-AĦJAR PRATTIKI |
|---|---|
| ***1. Strateġija u struttura organizzattiva*** | |
| 1. Kompetenzi ministerjali simplifikati u funzjonali għall-ġestjoni tal-fruntieri | |
| 2. Ġbir ta' riżorsi ċentralizzat, superviżjoni u struzzjonijiet għall-kontroll tal-fruntieri taħt il-patroċinju tal-ministeru kompetenti fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni. | |
| 3. Koordinazzjoni ċara u effettiva tal-kunċett u l-implimentazzjoni tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (ĠIF) fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. | Baġit tal-ĠIF definit b'mod ċar għal-livelli kollha tal-awtoritajiet involuti. |
| 4. Awtorità pubblika kompetenti ċentralizzata u strutturata b'mod ċar b'katina ta' kmand diretta bejn l-unitajiet tal-Gwardja tal-Fruntiera fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, li tiżgura approċċ komuni għall-kontroll tal-fruntieri, sistema ta' ppjanar unifikata u fluss ta' data estensiv u rapidu fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni. | Awtorità waħda li tkopri d-dimensjonijiet kollha tal-ĠIF.<br><br>L-awtorità pubblika kompetenti hija forza speċjalizzata tal-Gwardja tal-Fruntiera jew tal-Pulizija tal-Fruntiera (mhux forza militari). |
| 5. Il-kontroll tal-fruntieri fil-livell lokali għandu jitwettaq biss minn unitajiet tal-gwardja tal-fruntiera magħżulin apposta. | |
| 6. Dokument strateġiku nazzjonali pluriennali bħala bażi għall-iżvilupp tal-ġestjoni tal-fruntiera. | L-istrateġija għandha tkun disponibbli għall-uffiċjali kompetenti fil-livelli kollha. Il-kontenut tal-istrateġija huwa magħruf mill-persunal. L-istrateġija toffri l-bażi u l-linji gwida għall-ippjanar. |
| 7. Ippjanar nazzjonali ċentralizzat għall-ġestjoni tal-fruntiera li jagħti linji gwida u listi ta' ħtiġiet għal-livell reġjonali. Fil-livell reġjonali, pjan jew programm ta' ħidma li jagħti linji gwida u lista ta' ħtiġiet għal-livell lokali. | Fil-livell nazzjonali u reġjonali:<br>– Pjan pluriennali evoluttiv<br>– Programm ta' ħidma annwali<br>– Pjan annwali ta' attivitajiet u l-użu tar-riżorsi (ristretti jew klassifikati)<br>– Pjan annwali ta' taħriġ<br><br>Fil-livell lokali:<br>– Programm ta' ħidma annwali<br>– Pjan annwali/ta' kull xahar ta' attivitajiet u l-użu tar-riżorsi (ristretti jew klassifikati).<br>– Pjan annwali ta' taħriġ |

| | |
|---|---|
| 8. Leġislazzjoni nazzjonali koerenti u ftehimiet li jippermettu l-implimentazzjoni effettiva tal-kunċett ĠIF, eċċ.<br>– Att dwar il-Fruntieri/jew Att dwar il-Gwardja tal-Fruntiera.<br>– Att dwar il-Barranin jew l-Immigrazzjoni<br>– Att dwar il-Protezzjoni tad-Data.<br>– Att/Regoli dwar il-Kooperazzjoni bejn l-Aġenziji.<br>– Regoli dwar pieni għall-qsim illegali tal-fruntieri u għall-iffaċilitar tal-immigrazzjoni illegali.<br>– Regoli dwar ir-responsabbiltà tat-trasportaturi; pereżempju, l-impożizzjoni ta' multa fuq it-trasportaturi ta' immigranti illegali u l-obbligu li jorganizzaw it-trasport tar-ritorn tal-immigranti illegali u r-responsabbiltà għall-ispejjeż tas-soġġorn tagħhom sakemm isir disponibbli t-trasport ta' ritorn.<br>– Ftehimiet tal-fruntiera ma' pajjiżi ġirien.<br>– Ftehimiet ta' riammissjoni ma' pajjiżi terzi ġirien u pajjiżi ta' transitu u ta' oriġini.<br>– Ftehimiet dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera ma' pajjiżi terzi ġirien. | |
| 9. Adozzjoni ta' miżuri meħtieġa għall-applikazzjoni korretta tal-leġislazzjoni tal-UE. | Regoli u regolamenti nazzjonali kumplimentari għall-użu sħiħ tal-istrumenti Komunitarji rigward l-ospitar u l-iskjerament ta' uffiċjali mistiedna, ta' membri ta' tim tal-fruntiera ta' intervent rapidu u ta' tagħmir f'operazzjonijiet ikkoordinati mill-FRONTEX.<br><br>Regoli nazzjonali għall-issekondar ta' esperti nazzjonali lill-FRONTEX. |
| 10. Waqt it-twettiq tal-kontroll tal-fruntieri għandu jittieħed kont tal-istrumenti legali internazzjonali rilevanti għall-ġestjoni tal-fruntieri. | |
| 11. Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-korpi u l-aġenziji differenti għandhom ikunu rregolati mil-leġislazzjoni u l-ftehimiet ta' kooperazzjoni (pereżempju l-memorandum ta' ftehim). | Strateġija komuni bejn l-aġenziji fir-rigward tal-prevenzjoni tal-kriminalità transkonfini u l-immigrazzjoni illegali.<br><br>Ftehimiet, atti jew regoli jkopru l-ispettru kollu tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fil-livelli kollha:<br>– skambju ta' informazzjoni<br>– analiżi konġunta tar-riskju<br>– skambju ta' esperjenza<br>– kooperazzjoni dwar it-taħriġ<br>– kooperazzjoni dwar l-intelligence u l-investigazzjoni |

| | |
|---|---|
| | – użu komuni tal-bażijiet tad-data<br>– operazzjonijiet konġunti<br>– punti ta' kuntatt bejn l-aġenziji. |
| 12. Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Transnazzjonali Organizzata u tal-protokolli tagħhom dwar it-traffikar tal-bnedmin u d-dħul klandestin ta' migranti bl-art, bil-baħar u bl-ajru u t-traffikar ta' armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti tagħhom u l-ammunizzjon. | Pjani biex jiġu ttrattati t-traffikanti u biex jiġu indentifikati l-vittmi f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet rilevanti oħrajn.<br><br>Taħriġ, analiżi mmirata tar-riskju, twettiq ta' profili u struzzjonijiet operattivi għall-gwardji tal-fruntiera sabiex jidentifikaw il-vittmi ta' traffikar ta' bnedmin. |
| 13. Implimentazzjoni adatta ta' ftehimiet bilaterali dwar il-kooperazzjoni dwar il-ġestjoni tal-fruntieri fil-livell internazzjonali | Dawn il-ftehimiet/Atti jkopru l-firxa kollha tal-kooperazzjoni transkonfini.<br>– skambju ta' informazzjoni,<br>– analiżi konġunta tar-riskju,<br>– skambju ta' esperjenza,<br>– proċeduri għal sitwazzjonijiet urġenti<br>– attivitajiet komuni<br>– eċċ. |
| 14. Ippjanar strateġiku, allokazzjoni ta' persunal u riżorsi tekniċi abbażi ta' analiżi kostanti tal-ambjent u t-theddid | Ippjanar u attivitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri ibbażati fuq intelligence. |
| 15. Stampa sitwazzjonali komprensiva aġġornata kontinwament fil-livell nazzjonali li tkopri l-informazzjoni kollha relatata mal-ġestjoni nazzjonali tal-fruntieri.<br><br>16. Stampa sitwazzjonali fil-livell reġjonali u lokali, li kemm jista' jkun tirrifletti s-sitwazzjoni attwali, sabiex tiżdied il-kapaċità ta' reazzjoni, biex tiżdied il-konsapevolezza tas-sitwazzjoni u titjieb il-kapaċità li jiġu kkoordinati l-attivitajiet operattivi. | Stampa sitwazzjonali li tikkonsisti fil-livelli kollha minn informazzjoni dwar:<br>– it-traffiku tal-qsim tal-fruntiera (it-total u kull punt ta' qsim tal-fruntiera, in-nazzjonalitajiet, l-għadd u r-raġunijiet tat-tieni kontroll, iċ-ċaħda tad-dħul, l-azzjonijiet illegali mikxufin, il-modus operandi, il-kjuwijiet eċċ)<br>– is-sitwazzjoni tul il-fruntieri blu u ħodor (għadd ta' qsim illegali tal-fruntieri, in-nazzjonalità ta' dawk li jaqsmu l-fruntieri, il-modus operandi, ir-rotot identifikati eċċ.<br>– l-immigranti illegali mikxufin fit-territorju, il-persuni mkeċċijin, dawk li qed ifittxu l-asil, eċċ)<br>– l-istampa ta' qabel il-fruntiera (is-sitwazzjoni tal-ġestjoni tal-fruntiera fil-pajjiżi ġirien u l-pajjiżi ta' transitu u ta' oriġini)<br><br>u addizzjonalment fil-livell reġjonali (jew fil-livell lokali):<br>– ir-riżorsi disponibbli; l-għadd u l-post tal-pattulja, il-bastimenti, l-inġenji tal-ajru u l-mezzi tekniċi<br>– l-ismijiet u d-dmirijiet tal-maniġers tax-xift, eċċ.<br>– il-miri fil-baħar<br>– kwistjonijiet rilevanti oħrajn. |

| | |
|---|---|
| 17. Għandu jkun hekk konsapevolezza tas-sitwazzjoni 24/7 fir-rigward tal-fruntieri esterni fil-livell nazzjonali.<br><br>18. Stat Membru għandu jkollu punt ta' kuntatt ċentrali uniku għall-Istati Membri l-oħra għall-kwistjonijiet kollha relatati mal-ġestjoni tal-fruntieri, il-FRONTEX u bejn aġenziji oħrajn u l-kontropartijiet internazzjonali. | Ċentru azzjonali ta' Koordinazzjoni (ĊNK) uniku, li jikkoordina 24/7 l-attivitajiet tal-awtoritajiet nazzjonali kollha li jwettqu ħidma ta' kontroll tal-fruntieri esterni (il-monitoraġġ, il-kxif, l-identifikar, l-intraċċar u l-interċettazzjoni) li jkun jista' jiskambja informazzjoni maċ-ċentri fi Stati Membri oħrajn u fi FRONTEX.<br><br>Iċ-Ċentru Nazzjonali ta' Koordinazzjoni huwa responsabbli:<br>– Għar-rapporti sitwazzjonali ta' kuljum, ta' kull xahar u ad hoc<br>– Għal informazzjoni fattwali immedjata dwar is-sitwazzjonijiet, biex jappoġġa l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet<br>– Għall-messaġġi ta' twissija bikrija<br><br>L-informazzjoni kollha hija skambjata permezz ta' tekniki elettroniċi ta' ipproċessar u trasmissjoni tad-data. |
| 19. Numru adatt ta' ċentri ta' kmand u koordinazzjoni reġjonali u lokali biex jiġu żgurati l-komunikazzjoni operattiva u l-ġestjoni tal-informazzjoni. | Iċ-ċentri ta' kmand u kontroll reġjonali/lokali qegħdin joperaw taħt il-kmand ta' kwartieri ġenerali reġjonali/lokali rilevanti.<br><br>Kapaċità 24/7 għal:<br>– Il-monitoraġġ tas-sitwazzjoni<br>– Il-koordinazzjoni u l-iffaċilitar ta' attivitajiet operattivi<br>– It-tnedija ta' azzjonijiet f'sitwazzjonijiet urġenti<br>– Konsapevolezza tal-missjoni u appoġġ għaliha |
| 20. Allokazzjoni ta' riżervi, persunal u tagħmir, biex jirreaġixxu għall-inċidenti u l-movimenti illegali tul il-fruntieri u fil-punti ta' qsim tal-fruntieri. | Pjani għal xenarji differenti fil-livelli kollha (miri, disponibbiltà, lok, kompetenza, eċċ) inkluż l-iskjerament possibbli tar-RABIT u pjani f'każ ta' immigrazzjoni illegali fuq skala kbira. |
| 21. Stat Membru għandu jkollu l-kapaċità li jirrinforza l-kontroll tal-fruntieri abbażi ta' valutazzjoni u analiżi tar-riskju. | Pjani fuq livelli differenti għar-rinfurzar tal-kontroll tal-fruntieri abbażi ta' xenarji possibbli. |
| ***2. Persunal u taħriġ*** | |
| 22. Kontrolli u sorveljanza effettivi tal-fruntiera jeħtieġu għadd suffiċjenti ta' persunal skont, fost oħrajn, l-valutazzjoni u l-analiżi tar-riskju. | Għandhom jiġu studjati sitwazzjonijiet komparabbli fi Stati Membri Schengen oħrajn li jistgħu jservu bħala eżempju. |

| | |
|---|---|
| 23. Kriterji ta' selezzjoni għall-ingaġġ ta' persunal ġdid abbażi ta' regoli miktubin. Il-livell edukattiv u l-adegwatezza fiżika meħtieġa għandhom jiġu ttestjati u r-rekrutati għandhom jissodisfaw il-ħtiġiet morali u legali (rekords kriminali/ġuridiċi/legali, eċċ) | L-għażla ssir mill-Gwardja tal-Fruntiera jew ta' l-anqas taħt is-superviżjoni tal-Gwardja tal-Fruntiera. |
| 24. Issir evalwazzjoni regolari fejn jiġu mkejlin pereżempju, is-sodisfazzjoni tal-impjieg, l-effettività, il-kondizzjonijiet soċjali u r-responsabbiltà. | Programm ta' motivazzjoni li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-professjonalità għolja min naħa tal-gwardji tal-fruntiera.<br><br>Forma nazzjonali unifikata tal-kwestjonarju ta' evalwazzjoni. |
| 25. Livell għoli ta' professjonalità bbażata fuq taħriġ li tlesta b'suċċess. | L-organizzazzjoni ta' taħriġ speċjali u l-programmi ta' żvilupp dwar kwistjonijiet rilevanti (pereżempju fil-qafas ta' Akkademja tal-Pulizija jew tal-Gwardja tal-Fruntiera). |
| 26. Il-persunal operattiv għandu jkun lesta b'suċċess kors ta' taħriġ bażiku li jirrigwarda l-kompiti futuri tagħhom. | Dispożizzjoni għar-rotazzjoni tal-persunal bejn l-unitajiet u/jew attivitajiet tal-Gwardja tal-Fruntiera. Dan huwa kkunsidrat utli ħafna fil-bidu tal-karriera għal raġunijiet ta' effettività. |
| 27. Il-gwardji tal-fruntiera għandu jkollhom l-abbiltà li jikkomunikaw b'lingwi barranin. | Komunikazzjoni b'lingwi barranin relatata mad-dmirijiet ta' kuljum tal-gwardji tal-fruntiera.<br><br>Għarfien sodisfaċenti tal-lingwi tal-pajjiżi ġirien.<br><br>Il-persunal għandu jiġi mħeġġeġ jistudja lingwi oħrajn meħtieġa għall-ħidma tagħhom (lingwi tal-pajjiżi ġirien, tal-pajjiżi ta' oriġini u lingwi oħra skont l-istrutturi tal-passiġġieri). |
| 28. Għandu jiġi stabbilit programm ta' taħriġ għall-uffiċjali matul il-ħin tax-xogħol li jkollu ħinijiet, regoli ta' taħriġ u informazzjoni. | Programmi ta' tagħlim elettroniku biex ma jintesiex dak magħruf u korsijiet ta' aġġornament.<br><br>Taħriġ kontinwu u dokumenti ta' taħriġ adegwati fuq il-post.<br><br>Sessjonijiet li jaġġornaw l-informazzjoni wara l-btajjel u taħriġ ta' aġġornament wara perijodi twal mgħoddijin fit-twettiq ta' dmirijiet oħrajn.<br><br>Mill-anqas darba fis-sena, għandu jsir taħriġ ta' aġġornament għal kull gwardja tal-fruntiera.<br><br>Korsijiet tal-lingwi għall-gwardji tal-fruntiera. |
| 29. L-organizzazzjoni għandha tipprovdi programmi u faċilitajiet fil-livell ċentrali u lokali li jakkumpanjaw l-uffiċjali matul il-karriera tagħhom billi joffrulhom edukazzjoni | Żvilupp ta' programmi ta' taħriġ bl-appoġġ ta' pajjiżi b'aktar esperjenza u faċilitazzjoni mill-FRONTEX.<br>– Taħriġ ta' livell medju għall-mexxejja |

| | |
|---|---|
| u taħriġ dwar kwistjonijiet li huma rilevanti għall-ħidma tagħhom.<br>– Taħriġ bażiku f'konformità mal-Kurrikulu Ċentrali Komuni dwar it-taħriġ tal-gwardji tal-fruntiera (KĊK).<br><br>30. Għandhom jiġu żviluppati korsijiet speċjalizzati u avvanzati għal:<br>– kontrolli tat-tieni linja<br>– intelligence dwar il-kriminalità<br>– analiżi tar-riskju u twettiq ta' profili<br>– kxif ta' vetturi misruqin<br>– kxif ta' dokumenti tal-ivvjaġġar foloz u ffalsifikati<br>– kxif ta' persuni mistoħbin ġewwa l-vetturi permezz ta' tagħmir avvanzat<br>– it-taqsima tal-klieb, eċċ<br>– drittijiet tal-bniedem u l-ittrattar ta' dawk li qed ifittxu l-asil<br><br>31. Għandu jkun disponibbli, meta adatt, taħriġ dwar attivitajiet relatati mal-ġestjoni tal-fruntiera, pereżempju tfittix u salvataġġ. | f'konformità mal-Kurrikulu Komuni ta' Livell Medju (KKLM).<br><br>L-iskjerament ta' uffiċjali għal korsijiet ta' taħriġ speċjali organizzat minn FRONTEX jew CEPOL.<br><br>Programm ta' taħriġ speċjali għal klieb tal-gwardja tal-fruntiera.<br><br>Programm ta' taħriġ speċjalizzat għall-piloti tal-ħelikopter u l-ekwipaġġ ta' bastimenti. |
| 32. Informazzjoni introduttorja adegwata għal uffiċjali ġodda. | Gwardji tal-fruntiera esperjenzati bħala għalliema. |
| ***3. Kontrolli tal-fruntieri***<br><br>*3.1 B'mod ġenerali* | |
| 33. Il-kontrolli tal-fruntiera għandhom jiġi implimentati skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (KFS) u l-Manwal Schengen. | L-uffiċjali li jwettqu l-kontrolli tal-fruntiera għandu jkollhom uniformijiet adatti magħmulin minn materjali skont it-temp u l-kondizzjonijiet klimatiċi (mhux ta' kulur kamoflaxx) u sinjal jew badges li jidentifikawhom bħala gwardji tal-fruntiera. |
| 34. L-ippjanar tal-kontrolli tal-fruntiera għandu jieħu kont tal-valutazzjoni tal-protezzjoni li l-kontroll tal-fruntiera jipprovdi fil-konfront tal-kriminalità transkonfini. Il-valutazzjoni tagħti bażi għall-ħtiġiet tattiċi għall-kontrolli tal-fruntiera bħall-ġbir u l-analiżi tal-intelligence, it-twettiq ta' profili, ir-rata ta' kontrolli bir-reqqa tat-tieni linja, l-użu ta' tagħmir speċjali, eċċ. | Il-kriterji nazzjonali biex jiġu kkalkolati r-rati tal-kriminalità ġew definiti. |

| | |
|---|---|
| 35. L-infrastruttura fil-punti ta' qsim tal-fruntiera, fost oħrajn, l-għadd ta' kabini u korsiji, binjiet (inklużi faċilitajiet għall-persuni li ġew miċħudin d-dħul), eċċ, għandha titfassal skont il-fluss tal-passiġġieri (kwantità u kwalità), b'kont meħud ta' valutazzjoni ta' żviluppi futuri.<br><br>36. Il-Gwardja tal-Fruntiera għandha tkun responsabbli għall-ordni pubbliku u s-sigurtà fil-punt ta' qsim tal-fruntiera. | Pjan ta' żvilupp li jkun jinkludi l-funzjonijiet kollha, l-awtoritajiet u l-partijiet interessati l-oħrajn f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera.<br><br>Il-ġestjoni tas-sett tar-regoli fil-punti ta' qsim tal-fruntiera u s-superviżjoni tal-applikazzjoni tiegħu jaqa' fil-kompetenza tal-Gwardja tal-Fruntiera. |
| 37. Il-kabini ta' kontroll għandhom ikunu faċċata tal-passiġġieri u f'pożizzjoni ogħla biex il-profili jkunu jistgħu jitwettqu b'mod aktar faċli, u għandhom ikollhom it-tagħmir meħtieġ u għandhom ikunu mdawla sewwa. Huma għandhom ikollhom komunikazzjoni diretta mal-uffiċjal tat-tieni linja (inklużi l-uffiċċju tal-maniġer tax-xift u taċ-ċentru tas-sitwazzjoni). | |
| 38. Għandhom jittieħdu miżuri sabiex jiġi pprojbit l-aċċess mill-kabini ta' kontroll barra l-ħinijiet tax-xogħol. | L-installazzjoni ta' bibien imsakkrin ikkontrollati mill-Gwardja tal-Fruntiera. |
| 39. Il-persuni li lilhom ġie miċħud id-dħul għandhom jitqiegħdu f'faċilitajiet magħżulin apposta (li huma maħsubin għalihom biss) u għandhom jinżammu taħt superviżjoni permanenti permezz ta' mezzi tekniċi jew personali. Il-faċilitajiet għal tali persuni għandhom jissodisfaw kemm il-kondizzjonijiet ta' sigurtà kif ukoll dawk soċjali.<br><br>40. Għandhom ikunu disponibbli faċilitajiet addizzjonali għal dawk li qed ifittxu l-asil. | |
| 41. Għandhom jiġu skjerati għadd adegwat ta' uffiċjali u tagħmir għall-kontroll tal-fruntiera sabiex jiġu kkontrollati l-flussi tal-passiġġieri u jirrispondu għal valutazzjoni tar-riskju attwali.<br><br>Għadd adegwat jiddependi fost oħrajn fuq:<br>– kontroll kostanti tal-fluss tal-passiġġieri;<br>– ħin ta' binhar jew ta' billejl, is-sitwazzjoni tal-fruntiera u l-livell ta' theddid<br>– it-tagħmir disponibbli<br>– l-ambjent (theddid ta' pandemija eċċ)<br><br>Ħin twil ta' stennija minn naħa tal-passiġġieri fil-korsiji tal-kabini ta' kontroll għandu jiġi evitat. | Ix-xift fil-punt ta' qsim tal-fruntiera jiddependi fuq il-qies tal-punti ta' qsim tal-fruntiera u jikkonsisti minn:<br>– maniġer tax-xift,<br>– uffiċjali tal-ewwel linja<br>– uffiċjali tat-tieni linja<br>– uffiċjal tal-intelligence dwar il-kriminalità<br>– persunal speċjalizzat ieħor (esperti tad-dokumenti, kontrolluri fuq barra, esperti tal-vetturi, taqsima tal-klieb, speċjalist dwar l-identifikazzjoni tat-trasport, operatur tas-sorveljanza bil-vidjo eċċ)<br>– uffiċjali kemm irġiel kif ukoll nisa<br><br>Uffiċjali b'ħiliet lingwistiċi adatti f'kull xift. |

| | |
|---|---|
| | Ix-xiftijiet għandhom jikkoinċidu f'xi ħin sabiex jiġi żgurat ħin suffiċjenti biex ikun hemm skambju ta' informazzjoni. |
| 42. Il-maniġer tax-xift għandu jkun inkarigat mis-superviżjoni tad-dmirijiet allokati lill-unità tal-kontroll tal-fruntiera. Minħabba li l-maniġer huwa responsabbli għall-azzjonijiet u l-miżuri mittieħda, huwa għandu jkun konxju ta' dak li jseħħ fil-punti ta' qsim tal-fruntiera u l-azzjoni mittieħda mill-gwardji tal-fruntiera. Il-maniġer tax-xift għandu jissorvelja l-kondizzjoni fiżika u mentali tal-persunal qabel u matul ix-xift. | Il-maniġer tax-xift jieħu d-deċiżjonijiet amministrattivi meħtieġa fir-rigward tal-kontrolli tal-fruntiera f'konsultazzjoni mal-gwardji tal-fruntiera. Il-maniġer tax-xift għandu jiżgura li l-miżuri u l-ispezzjonijiet meħtieġa kollha jitwettqu fiċ-ċirkostanzi kollha. L-inċidenti u/jew is-sitwazzjonijiet kollha li huma barra min-normal għandhom jiġu rrapportati lill-maniġer tax-xift, sabiex huwa jkollu l-opportunità jekk meħtieġ, li jkollu impatt fuq it-tmexxija u l-eżitu effettivi tal-kontrolli tal-fruntiera. Il-miżuri kollha għall-finijiet tal-kontrolli tal-fruntiera għandhom jitħejjew u jkunu ġustifikati bl-aħjar mod possibbli sabiex jipprovdu bażi suffiċjenti għat-teħid tad-deċiżjonijiet. |
| 43. Minbarra t-twettiq tal-kontrolli tal-fruntiera skont il-KFS, il-mira għall-kontrolli tal-ewwel linja għandha tkun li jsiru l-profili tal-passiġġieri u li jintgħażlu l-persuni suspettużi sabiex isiru kontrolli bir-reqqa tat-tieni linja.<br><br>44. Il-kontroll tal-ewwel linja mad-dħul u l-ħruġ tal-punti ta' qsim tal-fruntiera għandu jkun ipprovdut bit-tagħmir li ġej:<br>– terminali biex jiġu kkonsultati s-SIS, il-VIS u l-bażijiet tad-data nazzjonali<br>– terminal portabbli meta meħtieġ<br>– strument li jeżamina d-dokumenti, li jkollu dawl UV varjabbli, dawl abjad estiż, dawl trasmess<br>– lenti li mill-anqas tkabbar b' 10 darbiet jew monomikroskopju b'zoom varjabbli<br>– lampa retro-riflettenti<br>– Timbri ta' dħul u ħruġ ta' Schengen (definiti fil-KFS)<br>– Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u l-Manwal Schengen bl-annessi<br>– indikaturi tar-riskju aġġornati kontinwament u profili tar-riskju<br>– eżempji tad-dokumenti elettroniċi disponibbli u informazzjoni oħra meħtieġa għat-twettiq tal-kontrolli tal-fruntiera. | Konsultazzjoni sistematika ta' bażijiet tad-data nazzjonali inklużi bażijiet tad-data ta' awtoritajiet rilevanti oħrajn għal ċittadini ta' pajjiżi terzi.<br><br>It-trasferimenti ta' data b'veloċità qawwija biżżejjed, inkluż tagħmir mobbli.<br><br>Id-disponibbiltà permezz ta' mezzi elettroniċi tal-Manwal Schengen u l-Annessi tiegħu u l-istruzzjonijiet nazzjonali.<br><br>Aċċess għal bażijiet tad-data addizzjonali għal dokumenti foloz.<br><br>Qabel il-bidu ta' kull xift, l-uffiċjal li jinsab fuq xogħol jipprovdi informazzjoni dwar kwalunkwe indikatur tar-riskju u profili tar-riskju. |

| | |
|---|---|
| 45. Il-mira għal kontrolli bir-reqqa tat-tieni linja hija li jiġi żgurat il-kxif adegwat ta' passiġġieri ta' riskju, pereżempju li għandhom dokumenti tal-ivvjaġġar foloz, u l-qbid tat-traffikanti tal-bnedmin u persuni oħrajn li jistgħu jipperikolaw is-sigurtà interna tal-Istati Membri. (Il-kontrolli tad-dħul huma prijorità.)<br><br>46. Fil-punti ta' qsim tal-fruntiera li għandhom traffiku intens jeħtieġ li l-uffiċċju tat-tieni linja ta' kontroll ikun mgħammar bit-tagħmir li ġej:<br>– l-istess tagħmir bħal fl-ewwel linja ta' kontroll<br>– konsultazzjoni tas-Sistema ta' Verifika tad-Dokumenti biex jiġu awtentikati d-dokumenti tal-ivvjaġġar<br>– kumparatur spettrali vidjo (Video Spectral Comparator) (li jinkludi dawl infrared u ultraviolet, filtri, dawl abjad estiż, dawl trasmess, eċċ)<br>– mikroskopju zoom sterjo li minn tal-inqas ikabbar b'40 darba.<br>– tagħmir li jikkontrolla l-linka anti-Stokes<br>– tagħmir u materjal ta' identifikazzjoni (inklużi kampjuni biex jitqabblu t-timbri)<br>– Il-KFS u l-Manwal Schengen bl-annessi<br>– manwal li fih passaporti u dokumenti tal-identità ġenwini u foloz<br>– aċċess għall-iFADO u l-FADO<br>– tagħmir għall-aċċess u/jew li japplika għall-EURODAC, l-AFIS nazzjonali, il-VIS u bażijiet tad-data nazzjonali rilevanti<br><br>47. Għall-kontrolli bir-reqqa tat-tieni linja, fil-punti ta' qsim tal-fruntiera kollha għandu jkun disponibbli f'ħin debitu, tagħmir avvanzat għall-verifika ta' dokumenti tal-ivvjaġġar (pereżempju fl-eqreb punt ta' qsim tal-fruntiera). | Il-faċilitajiet tat-tieni linja ta' kontroll jinsabu qrib għal kwalunkwe pożizzjoni tal-ewwel linja ta' kontroll, preferibbilment maġenb il-kontrolli ta' dħul.<br><br>Għadd adatt ta' uffiċjali tat-tieni linja ta' kontroll bi spazju biżżejjed, preferibbilment b'uffiċċji separati biex iwettqu l-intervisti.<br><br>Kompiti addizzjonali għat-tieni linja ta' kontroll biex tipprovdi informazzjoni u tagħrif ġdid għall-uffiċjali tal-ewwel linja ta' kontroll fuq bażi regolari u ad hoc jekk meħtieġ.<br><br>Għandhom jinħarġu komunikati dwar dokumenti foloz għal skop ta' taħriġ u ta' analiżi tar-riskju għall-użu nazzjonali u internazzjonali<br><br>Dekodifikatur ta' IPI (informazzjoni personali inviżibbli).<br><br>Bażijiet tad-data addizzjonali għal dokumenti foloz, eċċ.<br><br>Punt ta' kuntatt nazzjonali għal Manwal Schengen f'CIRCA (Communication and Information Resource Centre Administrator/Amministratur ta' Ċentru ta' Riżorsi ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni).<br><br>L-użu ta' tagħmir li jidentifika l-marki tas-swaba', li jaqra l-marki tas-swaba'.<br><br>L-użu ta' vetturi speċjalizzati b'tagħmir li jivverifika d-dokumenti tal-ivvjaġġar u l-aċċess għall-bażijiet tad-data. |
| 48. Il-fluss tal-passiġġieri għandu jiġi osservat permezz tal-uffiċjali tal-gwardja tal-fruntiera. | Is-sorveljanza bil-vidjo (sistemi CCTV) biex jitwettaq il-profil tal-fluss tal-passiġġieri tintuża, pereżempju, biex jiġu magħżula dawk il-persuni għall-kontrolli tat-tieni linja. (Il-ħżin tal-immaġni huwa possibbli skont il-liġijiet nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data.)<br><br>Mirja mas-soqfa/mal-ħitan sabiex passiġġier li jkun taħt kontroll tal-ewwel linja jkun jidher sewwa. |

| | |
|---|---|
| 49. Fil-punti ta' qsim tal-fruntiera li għandhom traffiku intens għandu jintuża, waqt il-kontrolli tal-ewwel linja, tagħmir integrat (kemm mobbli kif ukoll fiss) li jaqra l-passaporti. Għandha ssir konsultazzjoni awtomatika tas-SIS, il-VIS (meta operattiva) u bażijiet tad-data nazzjonali rilevanti fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li m'għandhomx id-dritt Komunitarju ta' moviment liberu. | Id-data dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi tiġi rrekordjata awtomatikament fil-bażi tad-data nazzjonali mad-dħul u l-ħruġ f'konformità mal-liġijiet nazzjonali. Is-sistema hija disponibbli fil-punti ta' qsim tal-fruntiera kollha.<br><br>Użu ta' tagħmir li jaqra d-dokumenti u l-marki tas-swaba' b'karatteristiċi ta' sigurtà magħmulin bil-kompjuter, u b'kapaċitajiet ta' analiżi.<br><br>Sistema awtomatika ta' kontroll tal-fruntiera tgħaqqad l-operazzjonijiet tal-qari u l-kontroll tal-passaporti elettroniċi b'karatteristika li tivvaluta d-data bijometrika. |
| 50. Komunikazzjoni wiċċ imb'wiċċ bejn l-uffiċjali tal-gwardja tal-fruntiera u l-passiġġieri matul il-kontroll tal-fruntiera (ħlief fil-każ ta' sistemi awtomatizzatti ta' kontroll tal-fruntiera għal ċittadini tal-UE). | Il-passiġġieri li jersqu lejn il-punti ta' kontroll tal-fruntiera jitwaqqfu quddiem il-kabina ta' kontroll permezz ta' marki viżibbli b'mod ċar. |
| 51. It-timbri ta' dħul u ħruġ għandhom jinżammu f'post sigur bħal kmamar siguri b'aċċess limitat bejn ix-xiftijiet. Għandu jkun hemm responsabbiltajiet u struzzjonijiet ċari għad-distribuzzjoni u l-użu tat-timbri. L-informazzjoni dwar il-kodiċijiet ta' sigurtà fuq it-timbri ta' dħul u ħruġ għandha tkun soġġetta għal reġim speċjali. | Timbri personali.<br><br>Kontenituri personali li jissakkru ġo kaxxaforti.<br><br>It-timbri jitqassmu għall-użu mill-maniġer tax-xift. Dan it-tqassim jiġi rreġistrat.<br><br>Fil-punti ta' qsim tal-fruntiera, l-informazzjoni dwar il-kodiċijiet ta' sigurtà fuq it-timbri ta' dħul u ħruġ għandha tkun magħrufa biss mill-gwardji tal-fruntiera li qed iwettqu il-kontrolli tal-fruntiera li għandu jkun hemm għadd żgħir minnhom.<br><br>L-informazzjoni dwar il-bidliet għall-kodiċi ta' sigurtà għal perijodu partikolari hija pprovduta lill-gwardji tal-fruntiera biss meta jsiru dawn il-bidliet.<br><br>Punt ta' kuntatt nazzjonali wieħed biss fl-istruttura tal-Gwardja tal-Fruntiera huwa magħżul speċifikament għall-finijiet tal-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kodiċijiet ta' sigurtà użati fil-punti ta' qsim tal-fruntiera kollha u wkoll għall-iskambju ta' informazzjoni ma' punti ta' kuntatt ta' Stati Membri oħrajn. |
| 52. F'konformità mal-liġi nazzjonali għandhom jinżammu r-rekords li ġejjin sabiex tittejjeb il-konsapevolezza tas-sitwazzjoni u tiġi ffaċilitata l-analiżi fil-punti ta' qsim tal-fruntiera:<br>– ċittadinanza tal-passiġġieri<br>– ħinijiet medji ta' stennija<br>– dokumenti foloz mikxufin | Jinżammu rekords tal-għadd u r-raġunijiet għal kontrolli tat-tieni linja.<br><br>Id-data tiġi rrekordjata fil-bażi tad-data nazzjonali. |

| | |
|---|---|
| – persuni arrestato li kienu qed jiffaċilitaw l-immigrazzjoni illegali<br>– informazzjoni bażika mill-awtoritajiet l-oħra li qed jaħdmu fil-punti ta' qsim tal-fruntiera<br>– irregolaritajiet oħrajn u informazzjoni rilevanti<br>– informazzjoni meħtieġa għas-CIREFI | Introduzzjoni ta' bażi tad-data intranet għall-Gwardja tal-Fruntiera. |
| 53. L-informazzjoni rilevanti kollha għandha tkun disponibbli għall-gwardji tal-fruntiera matul it-twettiq ta' dmirijiethom. | Laqgħa komuni ta' informazzjoni komuni fil-bidu ta' kull xift.<br><br>Skambju ta' informazzjoni bejn ix-xift ta' qabel u ta' wara. |
| 54. Osservazzjoni mhux awtorizzata (speċjalment ta' skrin tal-kompjuter) għandha tiġi pprevenuta. | Il-ħġieġ fil-kabini għandu jkun kopert b'pellikola. |
| 55. Il-viżi vojta għandhom jinżammu f'kaxxaforti.<br><br>56. Għandu jinżamm reġistru tal-ħruġ tal-viżi. | Id-deċiżjoni għall-ħruġ tal-viża ssir minn uffiċjal għoli jew uffiċjal ta' awtorità ogħla. |
| *3.2 Fruntieri tal-art*<br><br>**3.2.1 Punt tal-qsim tal-fruntiera tal-art** | |
| 57. Tabella fil-fruntiera li timmarka d-dħul fi Stat Membru u fl-UE. | |
| 58. Sensuri tar-radjuattività tul il-korsiji tad-dħul bejn il-fruntiera u l-punt ta' qsim tal-fruntiera. | Tagħmir ta' kejl mobbli jew gradi stazzjonarji li jirrilevaw ir-radjuattività. |
| 59. Korsiji separati għal ċittadini tal-UE, taż-ŻEE u l-Isvizzera u għal ċittadini ta' pajjiżi terzi. | Il-possibbiltà li jiġu mibdula t-tabelli tas-sinjali fil-korsiji skont il-kompożizzjoni tal-fluss tal-passiġġieri (sinjali elettroniċi).<br><br>Separazzjoni fiżika tal-flussi ta' dħul u ħruġ tat-traffiku fil-punti ta' qsim tal-fruntiera tal-art bi traffiku intens. |
| 60. Il-punti ta' qsim tal-fruntiera u ż-żona immedjatament madwarhom għandha tkun issorveljata teknikament, u għandu jiġi pprovdut id-dawl għall-kontrolli u s-sorveljanza tal-fruntiera. Bħala regola ġenerali, iż-żona tal-punti ta' qsim tal-fruntiera għandha tkun imdawra b'ċint (eċċezzjonijiet għandhom isiru pereżempju għall-punti ta' qsim tal-fruntiera għal traffiku lokali tal-fruntiera). | Il-perimetri għandhom ikunu ssorveljati b'kameras u sensuri. |

| | |
|---|---|
| 61. Ostakoli fil-korsiji (kemm korsiji ta' dħul kif ukoll tal-ħruġ) bil-possibbiltà ta' kontroll elettroniku mill-uffiċjali tal-ewwel linja. | Sistema ta' monitoraġġ bil-kamera/vidjo biex tkun koperta ż-żona tal-punt ta' qsim tal-fruntiera. |
| 62. Kontrolli adegwati sabiex jinkixfu l-persuni mistoħbijin ġewwa l-vetturi. | Il-vetturi huma kkontrollati skont indikaturi u profili tar-riskju aġġornati, u wkoll fuq bażi fortuwita:<br>– magna tar-raġġi X mobbli/stazzjonarja (skont il-leġislazzjoni nazzjonali)<br>– rilevaturi tar-ritmu tal-qalb<br>– rilevaturi tad-dijossidu tal-karbonju<br>– klieb imħarrġin biex isibu l-persuni mistoħbijin ġewwa l-vetturi.<br>– tagħmir avvanzat ieħor<br>– tagħmir li jsib ir-radjuattività, id-drogi u tagħmir ieħor<br><br>Sistema li tirrikonoxxi n-numru ta' reġistrazzjoni tal-vetturi permezz ta' kontroll awtomatiku fis-SIS u l-bażijiet tad-data nazzjonali. |
| 63. Il-monitoraġġ tal-fluss tal-passiġġieri u l-kontrolli fil-korsiji. | Jitwettqu kontrolli mħallta minn uffiċjal fil-korsija u uffiċjal fil-kabina (speċjalment fil-korsiji mhux-UE).<br><br>It-twettiq ta' kontrolli fil-fruntiera barra l-kabini ta' kontroll meta l-passiġġieri jibqgħu ġewwa l-vetturi matul il-kontrolli. It-tagħmir tekniku huwa organizzat u installat sabiex il-kontrolli jkunu jistgħu jitwettqu wkoll barra l-kabini.<br><br>Jintużaw pattulji speċifiċi biex titwettaq l-ispezzjoni fil-korsiji:<br>– kontroll tal-vetturi<br>– twettiq ta' profili<br>– l-użu ta' klieb u mezzi tekniċi |
| 64. Il-faċilitajiet biex jitwettqu kontrolli bir-reqqa għal vetturi huma separati mill-korsiji. | Il-faċilitajiet huma mqiegħdin relattivament viċin is-sit ta' kontroll. |
| 65. Il-kontrolli fil-fruntiera ta' dokumenti tal-ivvjaġġar ta' passiġġieri f'karozzi tal-linja jitwettqu permezz ta' tagħmir mobbli. Fil-Punt ta' Qsim tal-Fruntiera (PQF) bi traffiku intens jew li jeħtieġu li jintuża tagħmir tekniku, il-kontrolli fil-fruntiera għal passiġġieri li jivvjaġġaw bil-karozzi tal-linja għandhom jitwettqu fit-terminal tal-passiġġieri jew fil-korsiji, skont l-analiżi tar-riskju. | Żona separata fit-terminal għal kontrolli fil-fruntiera ta' passiġġieri f'karozzi tal-linja. |
| 66. Jekk jiġi stabbilit PQF komuni bejn Stat Membru u pajjiż terz ġar, għandha tiġi żgurata konformità sħiħa mal-liġi Komunitarja (pereżempju dwar azzjonijiet li għandhom jittieħdu wara allert fis-SIS, protezzjoni tad-data personali, sigurtà, asil, | |

| | |
|---|---|
| tabelli, eċċ).<br><br>Il-ftehimiet bilaterali għandhom jipprevedu għall-possibbiltà li uffiċjali tal-Gwardja tal-Fruntiera minn Stati Membri oħrajn tal-UE (pereżempju fil-qafas tal-operazzjonijiet konġunti ta' FRONTEX) iwettqu kontrolli tal-fruntiera fil-punti tal-qsim tal-fruntiera li jinsabu fit-territorji ta' pajjiżi terzi.<br><br>Informazzjoni rilevanti u informazzjoni utli statistika, fattwali, analitika jew oħra għandha tinġabar saħansitra fejn il-punt ta' qsim tal-fruntiera jinsab fit-territorju ta' pajjiż terz.<br><br>Is-setgħat eżekuttivi għandhom jiġu speċifikati permezz tal-ftehimiet bilaterali li jinvolvu l-awtoritajiet kompetenti kollha.<br><br>Ir-responsabbiltà għat-twettiq tal-kontrolli tal-fruntiera f'konformità mal-acquis tibqa' kompletament tal-awtoritajiet ta' Stat Membru. | |
| **3.2.2 Punt tal-qsim tal-fruntiera tal-ferrovija** | |
| 67. Miżuri fiżiċi u ta' monitoraġġ sabiex il-persuni jiġu pprevenuti milli jinżlu mill-ferroviji qabel il-kontrolli tal-fruntiera. | Sistema ta' monitoraġġ bil-vidjo u bis-sensuri bejn il-linja tal-fruntiera u l-punt ta' qsim tal-fruntiera f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet/kumpanniji tal-ferrovija.<br><br>Ċnut u toroq ta' pattulja tul iż-żewġ naħat tal-korsiji mil-linja tal-fruntiera għall-punt ta' qsim tal-fruntiera. |
| 68. Kooperazzjoni mal-awtoritajiet u t-trasportaturi tal-ferrovija sabiex tinġieb informazzjoni suffiċjenti biex jitwettqu l-kontrolli u sabiex tinkiseb kontinwament informazzjoni dwar it-traffiku ferrovjarju.<br><br>69. Kooperazzjoni mal-pulizija ferrovjarja u s-servizzi ta' sigurtà ferrovjarji. | Taħriġ komuni, pereżempju fi kwistjonijiet ta' sigurtà.<br><br>Skont il-leġislazzjoni nazzjonali u ftehimiet bilaterali, il-listi tal-passiġġieri huma kkontrollati minn qabel sabiex jitwettqu kontrolli bir-reqqa skont l-indikaturi tar-riskju u l-profili.<br><br>Konsultazzjoni tas-SIS, tal-VIS u ta' bażijiet tad-data nazzjonali rilevanti matul il-kontrolli minn qabel fir-rigward ta' persuni li m'għandhomx id-dritt Komunitarju ta' moviment liberu.<br><br>L-użu tal-lista tal-passiġġieri elettronika.<br><br>Kooperazzjoni u taħriġ tal-persunal ferrovjarju fil-qasam tad-dokumenti tal-ivvjaġġar sabiex jinkixfu d-dokumenti falsifikati u tinkiseb informazzjoni minn qabel. |

| | |
|---|---|
| 70. Kontrolli adegwati sabiex jinstabu dawk il-persuni li jippruvaw jevitaw il-kontroll tal-fruntiera. | Il-kontrolli huma ffaċilitati permezz ta' klieb imħarrġin. |
| | Kontrolli tal-fruntiera fuq ferroviji li qed jivvjaġġaw permezz ta' tagħmir mobbli u aċċess online għal bażijiet tad-data meħtieġa.<br><br>Kontrolli fuq ferroviji li qed jivvjaġġaw flimkien mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri tal-UE ġirien li għadhom m'humiex Stati Membri Schengen f'konformità ma' ftehimiet bilaterali. |
| 71. Kontrolli fuq ferroviji tal-merkanzija.<br><br>72. Tagħmir tekniku u infrastruttura meħtieġa biex jiġu assistiti l-kontrolli fil-ferroviji. | Tim speċifiku ma' uffiċjali doganali.<br><br>Żona ta' kontroll separata għall-ferroviji tal-merkanzija, li hija ssorveljata permezz ta' kameras ta' sorveljanza.<br><br>Il-ferroviji tal-merkanzija kollha huma kkontrollati permezz ta' sensuri stazzjonarji matul il-moviment tal-ferroviji. |
| **3.2.3 PQF tat-traffiku lokali tal-fruntiera** | |
| 73. Il-kontrolli fil-fruntiera fil-PQF tat-traffiku lokali tal-fruntiera għandhom jitwettqu skont ir-regoli dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera.<br><br>74. Għandu jkun possibbli li jitwettqu kontrolli tat-tieni linja ta' kontroll fi żmien raġonevoli.<br><br>75. Il-bażijiet tad-data nazzjonali li fihom data dwar il-permessi tat-traffiku lokali tal-fruntiera maħruġin għandhom ikunu disponibbli biex jiġu kkonsultati. | F'PQF tat-traffiku lokali tal-fruntiera bi traffiku ħafif, il-kontrolli tal-fruntiera jitwettqu bl-użu ta' tagħmir mobbli. |
| **3.2.4 Punt ta' qsim ta' passaġġ tal-ilma intern** | |
| 76. B'mod ġenerali l-kontrolli tal-fruntiera għandhom jitwettqu bl-istess mod bħal fil-fruntieri marittimi. | |
| 77. Il-gwardji tal-fruntiera għandhom ikollhom aċċess għal informazzjoni rilevanti minn qabel sabiex iwettqu l-kontrolli tal-fruntiera. | |
| 78. Il-kontrolli li jsiru abbord il-bastimenti b'tagħmir mobbli, jew l-iżbark u l-kontroll tal-passiġġieri għandhom jitwettqu fil-port. | Siti ta' kontroll separati u sistema ta' monitoraġġ bil-vidjo biex tkopri ż-żona tal-port. |

| | |
|---|---|
| 79. Separazzjoni fiżika jew amministrattiva tal-fluss tal-passiġġieri skont id-densità tagħhom. | F'PQF bi traffiku intens għandha ssir separazzjoni, permezz ta' ostakoli, tal-passiġġieri deħlin u dawk ħerġin.<br><br>Miżuri ta' sigurtà: dwal, ċnut madwar iż-żona tal-port. |
| 80. Tagħmir ta' kontroll u kmamar (binjiet) meħtieġa. | Mezzi tekniċi għall-kontroll ta' materjali perikolużi u radjuattivi.<br><br>Kontrolli veterinarji u dwar is-saħħa tal-pjanti f'postijiet magħżulin apposta. |
| *3.3 Fruntieri tal-baħar* | |
| 81. Iż-żona tal-port għandha tkun imdawwra b'ċint. | Sistema ta' monitoraġġ bil-vidjo biex tkun koperta ż-żona tal-port. |
| 82. Il-listi tal-passiġġieri u l-ekwipaġġ għandhom jiġu kkontrollati minn qabel sabiex jiġu kkontrollati bir-reqqa skont indikaturi ta' riskju. | Programm tal-kompjuter biex jikkontrolla l-listi tal-passiġġieri permezz tas-SIS u bażijiet tad-data nazzjonali rilevanti fir-rigward ta' ċittadini mhux-UE (li m'għandhomx id-dritt Komunitarju ta' moviment liberu).<br><br>Kooperazzjoni mas-sidien tal-bastimenti u taħriġ tal-persunal marittimu fil-qasam tad-dokumenti tal-ivvjaġġar sabiex jinkixfu d-dokumenti falsifikati u tinkiseb informazzjoni minn qabel. |
| 83. Il-bastimenti tal-merkanzija għandhom jipprovdu l-listi tal-ekwipaġġ u l-passiġġieri u informazzjoni rilevanti oħra (ta' imbark, żbark) 24 siegħa qabel il-wasla.<br><br>84. Il-laneċ (ferries) għandhom jibagħtu l-listi tal-ekwipaġġ u l-passiġġieri wara t-tluq minn port ta' pajjiż terz. | |
| | Tagħmir tekniku mobbli meħtieġ u aċċess online għall-bażijiet tad-data meħtieġa għat-twettiq tal-kontrolli tal-fruntieri. |
| 85. Is-separazzjoni tal-flussi tal-passiġġieri bejn bastimenti mhux-Schengen u bastimenti Schengen għandha ssir b'mezzi fiżiċi.<br><br>Portijiet minuri fejn il-volum tat-traffiku jippermetti flussi separati billi l-fluss tal-passiġġieri jiġi ssorveljat u akkumpanjat sistematikament. | L-awtoritajiet tal-port għandhom l-obbligu legali li jgħammru lit-terminali tal-port b'tagħmir tekniku u arranġamenti fiżiċi biex jiġu separati l-flussi tal-passiġġieri Schengen u mhux-Schengen, u li l-Gwardji tal-Fruntiera huma meħtieġa li jissorveljaw. |
| 86. Miżuri biex tiġi żgurata sigurtà effettiva tal-merkanzija u t-tagħmir fiż-żona internazzjonali tal-port. | |

| | |
|---|---|
| 87. Proċeduri biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-bastimenti mill-viżitaturi kif ukoll mill-ekwipaġġ tal-bastiment. | |
| 88. Kooperazzjoni bejn il-Gwardja tal-Fruntiera, l-aġenti tal-bastimenti u l-kaptani tal-bastimenti sabiex ikunu jistgħu jitwettqu analiżi tar-riskju minn qabel u biex jittieħdu miżuri adatti biex il-passiġġieri u l-ekwipaġġ jiġu approvati rapidament. | |
| 89. L-Amministrazzjoni tal-Port għandha żżomm għad-dispożizzjoni tal-uffiċjali tal-Gwardja tal-Fruntiera punt waħdieni għall-aċċess tal-informazzjoni dwar il-wasliet, it-tluq u l-waqfien fil-port tal-bastimenti kollha. | |
| 90. Il-Gwardja tal-Fruntiera għandha teħtieġ mill-aġent tal-bastiment l-informazzjoni kollha u l-garanziji bil-miktub dwar l-imbark u l-iżbark tal-membri tal-ekwipaġġ kif ukoll kwalunkwe avveniment rigward is-sitwazzjoni tal-bastiment fil-port. | Jintuża d-dokument standard komuni ta' garanziji. |
| 91. Għandhom jiġu imposti pieni fuq l-aġenti tal-bastiment meta bastiment isalpa mingħajr il-kontroll tal-fruntiera meħtieġ. | |
| 92. Każijiet fejn il-permess biex jidħol max-xatt jiġi miċħud; ta' dħul miċħud; ta' tentattiv ta' żbark għal fini illegali, passiġġieri bla permess, ta' talbiet għal asil u ta' sitwazzjonijiet rilevanti oħrajn, għandhom jiġu trasmessi lill-port ta' dħul li jmiss ta' Stat Membru. | |
| 93. L-iżbark tal-ekwipaġġ għall-fini tat-trasferiment lejn bastiment f'port ta' Stat Membru ieħor, jeħtieġ skambju ta' informazzjoni bejn il-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istati Membri kkonċernati sabiex tiġi kkonfermata l-preżenza jew il-wasla tal-bastiment. | |
| 94. Għandha tiġi stabbilita bażi tad-data ta' bastimenti suspettużi, aġenti suspettużi ta' bastimenti u sidien suspettużi ta' bastimenti. | Qegħda tiġi stabbilita bażi tad-data internazzjonali ta' dokumenti tal-identità tal-baħħara għax dokumenti kampjuni mhumiex disponibbli faċilment. |
| | Il-kontrolli tal-fruntiera mwettqa abbord ta' bastiment bejn il-portijiet ta' dħul jippermettu li l-kontrolli tal-fruntiera jseħħu mingħajr ma jdewmu l-iżbark mal-wasla. |

| *3.4 Ajruporti* | |
|---|---|
| 95. Is-separazzjoni tal-flussi tal-passiġġieri bejn titjiriet mhux-Schengen u titjiriet Schengen għandha ssir b'mezzi fiżiċi.<br><br>96. L-operatur tal-ajruport għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jissepara fiżikament il-flussi ta' passiġġieri fuq titjiriet mhux-Schengen mill-flussi ta' passiġġieri fuq titjiriet oħrajn.<br><br>97. L-ajruporti bi traffiku internazzjonali estensiv għandhom ikunu separati fiżikament f'żoni Schengen u mhux-Schengen sabiex tiġi evitata l-possibbiltà li persuni jew oġġetti (inklużi dokumenti) jgħaddu minn żona waħda għall-oħra. | Żona għat-transitu ta' titjiriet mhux-Schengen.<br><br>Livelli separati u ddedikati għat-traffiku Schengen u mhux-Schengen.<br><br>Separazzjoni fiżika (stretta ħafna) tinkiseb permezz ta' ħitan, ħġieġ, gradilji tal-ħadid, eċċ mill-art sas-saqaf.<br><br>L-awtoritajiet tal-port għandhom l-obbligu legali li jgħammru lit-terminali tal-port b'tagħmir tekniku u arranġamenti fiżiċi biex jiġu separati l-flussi tal-passiġġieri Schengen u mhux-Schengen, u li l-Gwardji tal-Fruntiera huma meħtieġa li jissorveljaw.<br><br>Kooperazzjoni u taħriġ tal-persunal tal-linja tal-ajru u tal-ajruport fil-qasam tad-dokumenti tal-ivvjaġġar sabiex jinkixfu d-dokumenti falsifikati u tinkiseb informazzjoni minn qabel dwar passiġġieri susspettati.<br><br>Fl-ajruporti bi traffiku internazzjonali intens għandhom jintużaw korsiji separati għall-kontrolli tal-fruntiera tal-ekwipaġġ. |
| 98. L-ajrudromi, l-ajruporti minuri u t-terminali fejn il-volum tat-traffiku jippermetti għandhom jisseparaw il-flussi billi jissorveljaw u jakkumpanjaw sistematikament il-fluss tal-passiġġieri. | Għal PQF ta' ajruport li ma jkollux persunal permanenti, l-informazzjoni dwar it-titjiriet li ġejjin minn barra ż-żona Schengen tintbagħat lill-eqreb Unità tal-Gwardja tal-Fruntiera jew ċentru ta' koordinazzjoni.<br><br>L-ajruporti kollha li fihom jaslu titjiriet kummerċjali minn pajjiżi mhux-Schengen jiġu ttrattati bħala ajruporti internazzjonali. |
| 99. Il-passiġġieri għandhom jimbarkaw jew jiżbarkaw mill-inġenju tal-ajru permezz ta' karozzi tal-linja jew permezz ta' turġien. Fil-każ ta' żbark permezz ta' karozza tal-linja, il-passiġġieri jittieħdu direttament fiż-żona (jew il-kuritur li jwassal għaliha) fejn isir il-kontroll tal-fruntiera. Fil-każ ta' żbark permezz ta' taraġ, il-passiġġieri jimxu fil-kurituri sakemm jaslu ħdejn il-kontrolli tal-fruntiera. | Skortati minn persunal tal-kumpannija mħarrġa li jieħdu ħsieb il-passiġġieri fil-każ ta' żbark bil-karozza tal-linja. |
| 100. Għandha tintuża l-Informazzjoni Minn Qabel dwar il-Passiġġieri (API) skont il-valutazzjoni tar-riskju. | L-informazzjoni pprovduta mill-Informazzjoni Minn Qabel dwar il-Passiġġieri għandha tiġi vverifikata minn uffiċjal tal-intelligence kriminali. |

| | |
|---|---|
| 101. Kontroll fil-bibien ta' imbarkazzjoni għal titjiriet ta' riskju (abbażi ta' analiżi tar-riskju). | Biex tiżdied l-effiċjenza tal-kontrolli tal-fruntiera, jitwettqu wkoll kontrolli fortuwiti tal-bibien ta' imbarkazzjoni.<br><br>Monitoraġġ bil-vidjo u sistema li tirrekordja li tkopri l-bibien tal-wasla mhux-Schengen kollha (pereżempju biex isibu fuq liema titjira l-immigrant illegali wasal).<br><br>Skont l-analiżi tar-risku, isiru kontrolli minn qabel fl-inġenju tal-ajru sabiex jiġu identifikati immigranti illegali possibbli u l-post fejn qegħdin bilqiegħda (dan jgħin għal wara, pereżempju fit-tfittxija ta' dokumenti tal-ivvjaġġar moħbijin).<br><br>Skont l-analiżi tar-riskju, wara l-iżbark issir tfittxija bir-reqqa ġewwa l-inġenju tal-ajru biex jinstabu pereżempju dokumenti tal-ivvjaġġar moħbijin. |
| 102. Kooperazzjoni bejn il-Gwardja tal-Fruntiera, it-trasportaturi tal-linji tal-ajru u l-operaturi tal-ajruport biex jiġi żgurat għadd adatt ta' gwardji tal-fruntiera f'kull xift. | It-trasportaturi tal-ajru u l-operaturi tal-ajruport jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa b'mezzi elettroniċi. |
| ***4. Sorveljanza tal-fruntieri***<br><br>*4.1B'mod ġenerali* | |
| 103. Is-sorveljanza tal-fruntiera għandha tiġi implimentata skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (KFS) u l-Manwal Schengen. | L-uffiċjali li jwettqu s-sorveljanza tal-fruntiera għandu jkollhom uniformijiet adatti magħmulin minn materjali skont it-temp u l-kondizzjonijiet klimatiċi u marka jew badges li jidentifikawhom bħala gwardji tal-fruntiera. |
| 104. Is-sorveljanza tal-fruntiera għandha tiġi vvalutata skont żewġ parametri ewlenin li huma konsapevolezza tas-sitwazzjoni u kapaċità ta' reazzjoni.<br>– Il-konsapevolezza tas-sitwazzjoni tkejjel il-livell li fih l-unitajiet jistgħu jikxfu qsim illegali tal-fruntieri (jew attivitajiet ta' traffikar) li għaddej jew li diġà sar matul il-perijodu ta' ppjanar rilevanti. Dan juri l-ħtiġiet fil-livell tattiku (ħinijiet u żoni ta' monitoraġġ, rati ta' kxif, metodi ta' identifikazzjoni u t-twettiq ta' profili ta' objettivi). Ukoll, l-għadd u d-direzzjoni tal-pattulji tul il-fruntieri blu u ħodor hija rilevanti.<br>– Il-kapaċità ta' reazzjoni tkejjel il-livell li fih l-unitajiet ikunu kapaċi jirreaġixxu billi jaqbdu u jfittxu kwalunkwe persuna | Il-fruntiera tinżamm taħt monitoraġġ kostanti. Ċentri ta' sorveljanza tattika li huma attivi 24/7, il-fruntiera jew iż-żona tal-baħar tiġi ssorveljata permezz ta' tagħmir u pattulji ta' sorveljanza. Iċ-ċentru jirreferi attivament informazzjoni dwar movimenti lil uffiċjali tal-intelligence (indikaturi tar-riskju, reġistri) u janalizza n-natura tal-movimenti sabiex jikxfu l-anomaliji. Jitwettqu wkoll kontrolli fortuwiti.<br><br>Stat ta' tħejjija kostanti tal-pattulji. Iċ-ċentru ta' sorveljanza tattiku jista' jibgħat lill-pattulji immedjatament. |

| | |
|---|---|
| mikxufa jew jinvestigaw attività illegali ssuspettata permezz tal-perijodu ta' ppjanar. Dan juri l-ħtiġiet fil-livell tattiku (id-densità u t-tagħmir tal-pattulji, id-densità u l-istat ta' tħejjija ta' unitajiet ta' intervent speċjali, id-disponibbiltà ta' inġenji tal-ajru u ħelikopters eċċ).<br><br>105. Abbażi ta' analiżi ta' riskju, pattulji (tal-art, tal-baħar, tal-ajru) mgħammra kif adatt għandhom jinżammu għal-lest biex iwettqu insegwimenti, qbid u/jew kontroll ta' movimenti mikxufa u ta' mezzi ta' trasport li jaslu jew li jitilqu. | |
| 106. Komunikazzjoni funzjonali bejn il-pattulji, il-bastimenti, l-inġenji tal-ajru u ċ-ċentri ta' kmand/kontroll. | L-użu ta' radji standard TETRA jew mezzi ta' komunikazzjoni kriptati oħrajn. |
| 107. L-attivitajiet fil-qasam tar-responsabbiltà huma appoġġati b'tagħmir mobbli ta' kontroll. | Il-pattulji/bastimenti mobbli għandhom aċċess on-line għal bażijiet tad-data u eżempji ta' dokumenti tal-ivvjaġġar (viżi, informazzjoni dwar it-timbri tal-fruntieri, eċċ)<br><br>Il-pattulji/bastimenti mobbli għandhom xi tagħmir biex jikkontrollaw id-dokumenti tal-ivvjaġġar (UV, lenti li mill-anqas tkabbar b'10 darbiet jew monomikroskopju b'zoom varjabbli). |
| *4.2. Fruntieri tal-art* | |
| 108. L-immigranti illegali li jaqsmu l-fruntiera għandhom jinkixfu b'effiċjenza adegwata.<br><br>109. Is-sorveljanza tal-fruntiera u l-qbid tal-immigranti illegali għandha titwettaq permezz ta' pattulji mobbli u fissi appoġġati minn mezzi tekniċi:<br>– pattulji li jużaw karozzi, motoċikletti, vetturi tas-silġ, vetturi għal fuq art imħarbta (off road), żwiemel, eċċ.<br>– oġġetti għal viżjoni bil-lejl u kameras termali.<br>– sistemi ta' alarm b'sensuri u kamera fissa<br>– alarm/kamera infrared portabbli u sistemi oħra b'sensuri<br>– klieb imħarrġin f'żoni forestali<br>– dgħajjes bil-mutur f'lagi u xmajjar | <br><br><br>Ħelikopters u inġenju tal-ajru bi ġwienaħ fissi jwettqu sorveljanza u jappoġġaw il-pattulji fuq l-art. |
| 110. Ir-riżorsi ta' sorveljanza għandhom jiġu kkonċentrati f'żoni ta' riskju għoli f'konformità ma' analiżi tar-riskju. | Iż-żona tal-fruntiera hija diviża f'setturi/taqsimiet. Il-perijodu ta' sorveljanza ta' kull settur jiddependi fuq analiżi tar-riskju. |

| | | |
|---|---|---|
| 111. | Il-fruntiera ħdejn il-PQF għandhom jinżammu taħt superviżjoni sabiex jinkixfu dawk il-persuni li jkunu qed jippruvaw jiskapulaw il-PQF. | Il-fruntiera qrib il-PQF hija ssorveljata b'kameras u/jew sistema ta' alarm. |
| 112. | Il-ħinijiet ta' rispons meħtieġa biex tinbeda t-tfittxija għal persuni li jaqbżu l-fruntiera illegalment f'kull settur tal-frunteira għandhom jiġu definiti (abbażi ta' analiżi ta' riskju). | Unitajiet mobbli, timijiet ta' rispons rapidu, ħelikopters, dgħajjes bil-mutur, klieb imħarrġin, eċċ.<br><br>Pjani abbozzati minn qabel, inklużi punti mgħammra bil-persunal, biex jiġu intraċċati l-persuni li jaqsmu l-fruntiera illegalment f'setturi/taqsimiet differenti tal-fruntiera. |
| 113. | Kooperazzjoni tal-gwardji tal-fruntiera mal-popolazzjoni lokali. | Kuntatti kostanti mal-popolazzjoni lokali u awtoritajiet rilevanti.<br><br>Matul ix-xifts tagħhom; il-pattulji tal-fruntiera u l-mexxejja iżommu kuntatti regolari mar-residenti lokali. |
| 114. | Ġbir tal-provi rilevanti kollha biex jiġi ppruvat il-qsim illegali tal-fruntiera Statali għar-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. | Prattiki fissi ta' ġbir ta' provi rigward il-qsim illegali tal-fruntiera, skont il-Ftehimiet bilaterali jew ta' Riammissjoni tal-KE. |
| *4.3. Fruntieri tal-baħar* | | |
| 115. | Għandu jkun hemm sistema ta' sorveljanza tal-kosta sostnuta b'netwerk ta' stazzjonijiet tal-gwardja kostali li huma lesti għal reazzjoni rapida. Is-sistema għandha tkun appoġġata b'element offshore; bastimenti tal-pattulji offshore, ħelikopters, inġenju tal-ajru bi ġwienaħ fissi u mezzi oħrajn. | Sistema ta' sorveljanza integrata u stampa marittima komuni bl-awtoritajiet rilevanti kollha (gwardja tal-fruntiera, awtoritajiet navali, forza navali, gwardja tal-fruntiera eċċ). Id-data kollha hija rrekordjata u maħżuna għal żmien adegwat.<br><br>Is-sitwazzjoni hija ssorveljata f'għadd adegwat ta' ċentri ta' kmand/kontroll. L-istampa tas-sitwazzjoni hija magħmula minn informazzjoni minn radars, bastimenti ta' pattulja offshore (OPV), sistemi ta' sorveljanza bil-kameras, ħelikopters u inġenju tal-ajru bi ġwienaħ fissi. |
| 116. | Il-bastimenti kollha li deħlin fl-ilmijiet territorjali għandhom jiġu mikxufa u identifikati. L-identifikazzjonijiet (ismijiet tal-bastimenti) għandhom jiġu mqabbla mal-informazzjoni disponibbli dwar bastimenti ta' riskju. | Użu tas-Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika (AIS), tal-VTMS (Sistema Komunitarja ta' Ġestjoni tat-Traffiku tal-Bastimenti), tal-VMS (Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti għas-sajd), tal-V-RMTC (Ċentru Virtwali ta' Traffiku Marittimu Reġjonali) u tas-SSN (SafeSeaNet). |
| 117. | Il-bastimenti li deħlin għandhom jiġu vvalutati skont analiżi tar-riskju. | Il-valutazzjoni ssir f'ċentri ta' kmand/koordinazzjoni reġjonali/tattiċi minn uffiċjali tal-intelligence kriminali. |

| | | |
|---|---|---|
| 118. | Jekk meħtieġ, il-bastimenti kkontrollati għandhom jiġu interċettati mill-gwardji tal-fruntiera fuq il-baħar. Jitwettqu miżuri koersivi meħtieġa. | OPVs, bastimenti ta' pattulja kostali (CPV) jew dgħajjes ta' pattulja (CPB) minn stazzjonijiet tal-gwardja tal-kosta. |
| 119. | Għandu jkun hemm miżuri meħtieġa biex jiġi pprevenut l-aċċess mhux awtorizzat għall-faċilità tal-port, il-vapuri sorġuti, u għal żoni ristretti. | |
| *4.4 Ajruporti* | | |
| 120. | Is-sorveljanza tal-ajruport għandha tiġi implimentata f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-ajruport. | |
| 121.<br><br>122.<br><br>123. | It-territorju u l-perimetru tal-ajruport għandu jiġi ssorveljat permezz ta' sistema tal-kameras.<br><br>Il-gwardji tal-fruntiera għandhom jikkontrollaw is-sistema u jkollhom aċċess għall-immaġni tal-kameras.<br><br>Id-data kollha tas-sistema tal-kamera għandha tiġi rrekordjata u l-informazzjoni għandha tinħażen għal żmien adatt. | Id-data hija disponibbli lill-Gwardja tal-Fruntiera u hija użata għal finijiet ta' investigazzjoni kriminali, eċċ. |
| 124. | Il-perimetru tal-ajruport għandu jiġi ppattuljat. | |
| 125. | Iż-żona tal-port għandha tiġi ppattuljata. | Il-pattulja tingħata parir mill-uffiċjal tal-intelligence (dwar il-persuni identifikati biex jiġu kkontrollati).<br><br>Skont l-analiżi tar-riskju, għandu jkun hemm ukoll pattulji pajżana. |
| ***5. Analiżi tar-riskju u intelligence dwar il-kriminalità*** | | |
| 126. | L-intelligence strateġika torganizza l-informazzjoni kollha u tislet stampa tas-sitwazzjoni strateġika (fenomeni ta' interess u fatturi sottostanti). L-intelligence strateġika tipproduċi statistika, xejriet u deskrizzjonijiet kwalitattivi. | Rapporti u każijiet ta' studju dwar analiżi tar-riskju ta' kull ġimgħa u ta' kull xahar jingħataw ta' kull xahar lill-gwardji tal-fruntiera fil-livell lokali permezz ta' ambjent speċjali.<br><br>Hemm proċeduri biex tingħata u tiġi rrappurtata l-istatistika fil-livelli kollha (ċentrali, reġjonali u lokali). |
| 127. | L-analiżi strateġika tar-riskji tanalizza l-informazzjoni strateġika prinċipali. Hija tislet il-bidliet potenzjali u tipproponi l-linji | Użu tal-prodotti tal-analiżi tar-riskju ta' FRONTEX. |

| | | |
|---|---|---|
| | ta' politika. L-analisti għandhom ikunu infurmati bis-sħiħ dwar il-paradigmi fundamentali, l-interessi, it-theddid u r-riskji. | |
| 128. | L-intelligence operattiva torbot l-informazzjoni operattiva fuq il-post u l-informazzjoni strateġika (id-dħul u l-ħruġ tal-informazzjoni fiż-żewġ direzzjonijiet) f'kuntest "operattivament" validu. | Profili prattiċi u indikaturi tar-riskju għall-użu ta' pattulji u uffiċjali li jwettqu kontrolli tal-fruntiera huma magħmulin minn uffiċjali tal-intelligence imħarrġin apposta. |
| 129. | Analiżi kwalitattiva u kwantitattiva tal-ambjent operattiv, oġġetti ta' attività u riżultati ta' attività proprja. Analiżi operattiva biex tinkiseb informazzjoni valida dwar il-prevenzjoni tas-sitwazzjoni sabiex tiġi ffaċilitata d-direzzjoni ta' riżorsi ottimali. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għal-lakuni fejn is-sistema ma taħdimx. | Analiżi operattiva hija stabbilita u miżmuma fil-kwartieri ġenerali reġjonali permezz ta' istruzzjonijiet u metodi uniformi. |
| 130. | Intelligence tattika (fuq il-post) għandha tgħaqqad il-ħaddiema operattivi fuq il-post u s-sistema ta' informazzjoni. Il-fluss tad-data għandu jkun miż-żewġ naħat (dħul u ħruġ ta' data). | Netwerk ta' intelligence dwar il-kriminalità tal-Gwardji tal-Fruntiera taħt superviżjoni ċentralizzata. |
| 131. | It-twettiq ta' profili għandu jikkaratterizza l-oġġetti tal-attività għall-fini tad-direzzjoni ottimali u l-intensità tal-miżuri li għaddejjin fil-livell tattiku. | |
| 132. | L-informazzjoni dwar indikaturi tar-riskju, il-profili tar-riskju u l-modus operandi tipiku ta' kriminalità transkonfini għandhom jingħataw sistematikament lill-uffiċjali fil-livell lokali. | Il-profili jinżammu f'bażijiet tad-data (ambjent elettroniku) u huma disponibbli għall-gwardji tal-fruntiera b'mod li jistgħu jintużaw. Pereżempju l-lista' ta' "l-ewwel 10". |
| 133. | Għandu jkun hemm unità tal-analiżi tar-riskju fil-livell nazzjonali, settur tal-analiżi tar-riskju fil-livell reġjonali u uffiċjali tal-intelligence fil-livell lokali. | Laqgħat regolari u taħriġ ikkoordinat fil-livell ċentrali mill-unità nazzjonali tal-analiżi tar-riskju. |
| | | Il-Gwardji tal-Fruntiera tal-PQF tal-Port qed jipparteċipaw fl-identifikazzjoni ta' theddid possibbli għall-assi u l-infrastruttura u l-possibbiltà tal-okkorrenza tagħhom sabiex jiġu stabbiliti u pprijoritizzati l-miżuri ta' sigurtà, taħt il-Pjani ta' Sigurtà tal-Port tal-Kodiċi tal-ISPS (Kodiċi Internazzjonali ta' Sigurtà għall-Bastimenti u l-Faċilitajiet tal-Port - International Ship and Port Facility Security Code) |

| | | |
|---|---|---|
| ***6. Il-kxif u l-investigazzjoni ta' kriminalità transkonfini b'koordinazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti kollha tal-infurzar tal-liġi*** | | |
| 134. | Għandu jkun hemm kooperazzjoni għall-kxif u l-investigazzjoni tal-kriminalità transkonfini, l-immigrazzjoni illegali, it-traffikar tad-drogi, l-armi, il-munizzjon, vetturi u proprjetà misruqin, kif ukoll l-użu ta' dokumenti ffalsifikati u misruqin. | Gruppi konġunti dwar l-intelligence u l-investigazzjoni tal-kriminalità.<br>Użu komuni tal-bażijiet tad-data.<br>Bażijiet tad-data komuni.<br>Analiżi tar-riskju komuni fil-livelli kollha.<br>Laqgħat u programmi ta' taħriġ komuni. |
| 135. | Għandu jkun hemm diviżjoni ċara tal-awtoritajiet kompetenti prinċipali għal kull reat transkonfini partikolari. | |
| 136. | L-immigranti illegali mikxufin kollha għandhom jiġu interrogati biex jiġu identifikati r-rotot, it-traffikanti, dawk li jiffaċilitaw it-traffikar u kwistjonijiet rilevanti oħrajn (pereżempju biex isir magħruf il-prezz imħallas lil dawk li jiffaċilitaw it-traffikar biex jorganizzaw il-qsim illegali tal-fruntiera) | |
| 137. | L-immigranti illegali għandhom jiġu rreġistrati qabel il-possibbiltà ta' ċaħda ta' dħul, tneħħija jew miżuri ta' riammissjoni. | Inkluż billi jiġu maħżuna l-bijometriki. |
| **7.** ***Miżuri f'pajjiżi terzi ta' transitu u ta' oriġini*** | | |
| 138. | Għandu jkun hemm kooperazzjoni adegwata bilaterali u multilaterali mal-awtoritajiet tal-Gwardja tal-Fruntiera f'pajjiżi terzi ta' transitu u ta' oriġini. | Laqgħat annwali (jew biannwali) fl-ogħla livell.<br><br>Il-kooperazzjoni tikkonsisti fi:<br>– skambju ta' informazzjoni dwar l-immigrazzjoni illegali<br>– laqgħat bejn l-esperti<br>– taħriġ komuni pereżempju għall-esperti tad-dokumenti<br><br>Laqgħat u skambju ta' informazzjoni bejn l-ajruporti u l-portijiet. |
| 139. | L-uffiċjali tal-konsulat ta' Stat Membru għandhom ikunu mħarrġin biex jirrikonoxxu dokumenti tal-ivvjaġġar foloz u jidentifikaw l-indikaturi ta' riskju tal-applikanti għal viża. | Il-Gwardja tal-Fruntiera tassenja uffiċjali ta' kollegament (pereżempju bħala konsulent dwar id-dokumenti) f'konsulati importanti.<br><br>L-uffiċjali ta' kollegament huma mħarrġin biex iwettqu profili u jidentifikaw dokumenti foloz u huma mgħammra b'tagħmir adatt biex jeżaminaw id-dokumenti tal-ivvjaġġar.<br><br>L-uffiċjali ta' kollegament għandhom aċċess għas- |

| | |
|---|---|
| | SIS, il-VIS u l-bażijiet tad-data nazzjonali rilevanti skont il-leġislazzjoni nazzjonali u r-responsabbiltajiet tagħhom.<br><br>L-uffiċjali ta' kollegament għandhom iċċentralizzat il-parti l-kbira tat-tagħrif magħruf u tagħmir mill-aktar avvanzat għall-eżami tad-dokumenti. |
| 140. Għandu jkun hemm kooperazzjoni mal-kumpanniji tat-trasportaturi rilevanti tal-ajru, l-baħar u tat-triq. | Taħriġ u laqgħat ta' kooperazzjoni regolari mal-kumpanniji tat-trasportaturi u l-Gwardja tal-Fruntiera. |
| 141. Għandu jkun hemm kooperazzjoni mal-uffiċjali ta' kollegament ta' Stati Membri li jinsabu fl-istess pajjiż jew reġjun terz. | Netwerk tal-uffiċjali ta' kollegament. |
| **8. Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ġirien** | |
| 142. L-għan tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi ġirien għandha tkun li titjieb is-sigurtà tal-fruntiera. | Pattulji konġunti/mħallta mal-awtoritajiet responsabbli f'pajjiż terz ġar.<br><br>Kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet responsabbli għall-kontrolli tal-fruntiera f'żoni speċifiċi (pereżempju kontrolli simultanji f'ferroviji li qed jivvjaġġaw) skont il-leġislazzjoni tal-UE u dik nazzjonali. |
| 143. Għandu jkun hemm kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi ġirien fil-livelli kollha (ċentrali, reġjonali u lokali).<br><br>144. Il-kooperazzjoni għandha tinkiseb billi jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' ħidma adatti bħall-iskambju ta' informazzjoni, kanali ta' komunikazzjoni adatti, punti ta' kuntatt lokali, proċeduri ta' emerġenza, l-ittrattar ta' inċidenti b'mod oġġettiv sabiex jiġi evitat tilwim politiku. | Il-kunċett ta' Delegat tal-Fruntiera li tfisser kooperazzjoni bilaterali fil-ġestjoni tal-fruntiera bejn il-gwardji tal-fruntiera ta' żewġ pajjiżi, abbażi ta' struttura u proċeduri organizzati uffiċjalment. Dan il-kunċett jikkonsisti fi:<br>– kapijiet reġjonali li jwettqu dmirijiet ta' Delegat tal-Fruntiera<br>– skambju ta' informazzjoni<br>– konsultazzjoni impromptu<br>– investigazzjonijiet konġunti<br>– taħriġ u operazzjonijiet konġunti<br>– eċċ.<br><br>Laqgħat annwali fl-ogħla livell.<br><br>Gruppi ta' ħidma permanenti rilevanti fil-livell reġjonali.<br><br>Laqgħat regolari u ad hoc u operazzjonijiet u taħriġ konġunti fil-livell lokali (punti ta' qsim tal-fruntiera u fruntiera ħadra). |
| 145. Għandu jkun hemm skambju ta' informazzjoni dwar is-sitwazzjoni relatata mal-qsim illegali tal-fruntiera jew reati transkonfinali. | Valutazzjonijiet tar-riskju u ta' theddid komuni.<br><br>Proċeduri komuni għal sitwazzjonijiet differenti li huma ttestjati regolarment. |

| | | |
|---|---|---|
| ***9. Miżuri ta' kontroll fiż-żona ta' moviment liberu, inkluż ir-ritorn*** | | |
| 146. | Is-sorveljanza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandha tkun proporzjonata u ppjanata skont analiżi tar-riskju. | Analiżi tar-riskju komuni ma' awtoritajiet rilevanti (Immigrazzjoni, awtoritajiet tat-taxxa u tax-xogħol, Pulizija, Dwana, Gwardja tal-Fruntiera). |
| 147. | Għandu jkun hemm miżuri sistematiċi u ppjanati sabiex jinkixfu ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li qegħdin illegalment fit-territorju ta' SM. | |
| 148. | Il-qbid ta' immigranti illegali għandu jiġi ttrattat b'mod sistematiku.<br>– l-identifikar u r-reġistrazzjoni ta' immigranti<br>– ir-rikonoxximent ta' vittmi tal-kriminalità, it-traffikar u l-esplojtazzjoni tal-bnedmin<br>– miżuri suffiċjenti ta' tneħħija jew espulsjoni<br>– ir-riċeviment ta' applikazzjonijiet ta' asil | Inkluż li jiġu rrekordjati l-marki tas-swaba'. |
| ***10. Kooperazzjoni bejn l-aġenziji għall-ġestjoni tal-fruntieri (gwardji tal-fruntiera, id-dwana, il-pulizija, is-sigurtà nazzjonali u awtoritajiet rilevanti oħrajn)*** | | |
| 149. | Għandu jkun hemm koordinazzjoni regolari tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fil-livelli kollha. Għandu jkun hemm laqgħat regolari bejn il-kapijiet tas-servizzi fejn jiġi deċiż il-fokus għas-sena, jiġu stabbiliti l-miri u jiġu ddeterminati l-linji gwida. Dawn id-deċiżjonijiet huma elaborati f'aktar dettall fil-laqgħat ta' ppjanar bejn il-kapijiet fil-livell reġjonali. L-iskedi attwali għal operazzjonijiet konġunti, għal attivitajiet u miżuri oħrajn jiġu attwati permezz ta' laqgħat ta' kooperazzjoni bejn il-kapijiet lokali. | Bord permanenti għall-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji. Presidenza rotanti bejn il-parteċipanti.<br><br>Komunikazzjoni bir-radju komuni (pereżempju TETRA).<br>Ċentri ta' analiżi konġunta tar-riskju.<br>Analiżi konġunta tar-riskju.<br>Gruppi komuni tal-intelligence dwar il-kriminalità u l-investigazzjoni ta' qabel proċess.<br>Użu komuni tal-bażijiet tad-data.<br>Pattulji komuni fil-fruntieri ħodor u blu.<br>Manutenzjoni u titjib ulterjuri taċ-Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni. |
| 150. | Id-diviżjoni tal-kompiti bejn l-awtoritajiet għandha tkun ċara. Id-duplikazzjoni tal-kompiti għandha tkun evitata. | |
| 151. | Fil-punti ta' qsim tal-fruntiera għandhom jiġu implimentati arranġamenti ta' ħidma konġunti. | Prinċipju ta' waqfa waħda fil-punti ta' qsim tal-fruntiera. (Il-gwardja tal-fruntiera u l-uffiċjali tad-dwana jaħdmu flimkien).<br><br>Il-parteċipazzjoni fil-laqgħat ta' informazzjoni dwar ix-xift ta' awtoritajiet oħrajn. |

| | | |
|---|---|---|
| ***11. Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri*** | | |
| 152. | Għandu jkun hemm kooperazzjoni bilaterali u multilaterali prattika u pragmatika bejn l-Istati Membri ġirien inklużi analiżi konkreta, pjani u azzjonijiet biex tiġi ttrattata l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfini. | Gruppi/ċentri konġunti ta' intelligence dwar il-kriminalità u l-analiżi tar-riskju bejn Stati Membri ġirien.<br><br>Pjani ta' azzjoni annwali konkreti mhux biss bejn l-awtoritajiet ċentrali iżda wkoll bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali. |
| 153. | Għandha tiġi implimentata kooperazzjoni mal-Istati Membri ġirien rigward is-sorveljanza marittima. | L-implimentazzjoni tal-kunċett tan-Netwerk Ewropew ta' Pattulji (NEP). |
| 154. | Il-gwardji tal-fruntiera għandhom jipparteċipaw f'kooperazzjoni mal-FRONTEX u fil-qafas tiegħu.<br>– L-istabbiliment, il-manteniment u l-iżvilupp ulterjuri ta' Punt ta' Kuntatt Nazzjonali ta' FRONTEX.<br>– Il-parteċipazzjoni f'laqgħat tal-Bord ta' Ġestjoni ta' FRONTEX.<br>– L-istabbiliment u l-iżvilupp ulterjuri ta' grupp ta' RABIT (Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri). | Parteċipazzjoni attiva f'attivitajiet ikkoordinati ta' FRONTEX.<br>– Il-parteċipazzjoni f'Operazzjonijiet Konġunti fil-fruntieri tal-art u l-baħar u l-ajruporti.<br>– L-użu tar-riżultati ta' proġetti dwar l-Aħjar Prattika mwettqin mill-FRONTEX u l-Istati Membri.<br>– Il-parteċipazzjoni f'laqgħat differenti; FRAN (Netwerk ta' Analiżi tar-Riskju ta' Frontex), PRN (Pool Resources Network), Riċerka u Żvilupp, eċċ<br>– Implimentazzjoni ta' Kurrikulu Ċentrali Komuni u Jum ta' Taħriġ tal-UE.<br>– Jintbagħtu Esperti Nazzjonali Sekondati lill-FRONTEX.<br>– It-tagħmir jiġi elenkat fir-Reġistru Ċentrali tat-Tagħmir Tekniku Disponibbli (CRATE).<br>– L-istabbiliment u ż-żamma ta' grupp ta' FJST (Timijiet Konġunti ta' Appoġġ ta' Frontex)<br>– Jintbagħtu uffiċjali mistiedna f'Punti Fokali ta' Stati Membri oħrajn.<br>– Jiġu pprovduti Punt(i) Fokali fil-pajjiż proprju. |
| ***12. Koordinazzjoni u koerenza tal-attivitajiet tal-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet u korpi oħrajn tal-Komunità u tal-Unjoni*** | | |
| 155. | Għandu jkun hemm diviżjoni ċara tal-kompiti fl-Istat Membru għall-kooperazzjoni mal-korpi tal-UE u l-partijiet interessati. | Jiġi żgurat li l-fehma operattiva tiġi meqjusa fil-Gruppi ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill. |

| *13. Il-prevenzjoni tal-korruzzjoni* | | |
|---|---|---|
| 156. | Miżuri kontra l-korruzzjoni għandhom jiġu implimentati skont l-istrateġiji nazzjonali kontra l-korruzzjoni. | Is-salarji tal-gwardji tal-fruntiera huma f'livell kompetittiv.<br><br>Il-kapijiet jinbidlu b'rotazzjoni minn stazzjon għall-ieħor.<br><br>Impjieg addizzjonali barra l-Gwardja tal-Fruntiera huwa rregolat. |
| 157. | F'ebda livell m'għandu jkun hemm il-possibbiltà li jiġi pprevenut it-twettiq ta' kontrolli bir-reqqa fuq ċerti persuni, profili, kumpanniji tat-trasport eċċ. | |
| 158. | Għandu jkun hemm il-possibbiltà ta' Unitajiet mobbli li jwettqu operazzjonijiet mhux imħabbra, indipendentament mill-ġestjoni lokali, f'żoni fejn il-korruzzjoni hija fenomenu komuni. | |
| 159. | Bħala regola ġenerali għandu jkun hemm minn tal-inqas żewġ uffiċjali preżenti f'kull Punt ta' Qsim tal-Fruntiera inklużi Punti ta' Qsim tal-Fruntiera tat-traffiku lokali tal-fruntiera (pereżempju gwardja tal-fruntiera waħda u uffiċjal tad-dwana wieħed). | Il-kontrolli tal-fruntiera huma ssorveljati u rrekordjati. Dawn ir-rekords jistgħu jintużaw għal finijiet ta' investigazzjoni kriminali, pereżempju għall-prosekuzzjoni ta' passiġġieri li jippruvaw ixaħħmu.<br><br>Il-passiġġieri ma jistgħux jagħżlu l-korsija skont l-identità tal-uffiċjal fil-kabina (pereżempju permezz ta' ħġieġ mhux trasparenti).<br><br>Il-gwardji tal-fruntiera ma jkunux jafu l-kompitu eżatt tagħhom qabel ix-xift tagħhom.<br><br>Rotazzjoni bejn ix-xiftijiet minn żmien għall-ieħor. |
| 160. | Għandu jkun hemm unità ta' verifika interna għall-Gwardja tal-Fruntiera. | Jitwettqu spezzjonijiet mhux imħabbra. |
| 161. | Għandu jkun hemm kodiċi ta' kondotta għall-gwardji tal-fruntiera, pereżempju, sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' korruzzjoni jew li jistgħu jwasslu għall-korruzzjoni. | L-organizzazzjoni ta' taħriġ dwar il-kodiċi ta' kondotta. |

## 3. IT-TIENI PARTI: RITORN U RIAMMISSJONI

### A. INTRODUZZJONI - MIŻURI TA' RITORN U RIAMMISSJONI GĦALL-ĠLIEDA KONTRA L-MIGRAZZJONI ILLEGALI

Is-soluzzjoni tal-problema tal-immigrazzjoni illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi kienet waħda mill-prinċipji bażiċi tal-politika komuni dwar il-migrazzjoni sa mill-bidu tal-implimentazzjoni tagħha.

Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jidħlu fit-territorji tal-Istati Membri billi jaqsmu illegalment il-fruntieri tal-art, tal-baħar jew tal-ajru. Ħafna drabi jużaw dokumenti foloz jew huma assistiti minn persuni li jiffaċilitaw l-immigrazzjoni illegali. Madankollu, hemm kategorija oħra ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu ż-żona Schengen legalment permezz ta' viżi validi jew minn traffiku tal-fruntiera ħielsa mill-viża u mbagħad jestendu s-soġġorn tagħhom illegalment jew ibiddlu l-fini tas-soġġorn tagħhom mingħajr l-għarfien jew il-permess tal-awtoritajiet kkonċernati. It-tielet kategorija ta' migranti illegali hija magħmula minn dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għal status ta' refuġjat f'pajjiż Schengen u li sussegwentement jibqgħu hemm illegalment minkejja li fl-aħħar nett l-applikazzjonijiet tagħhom jinċaħdu mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Il-kredibbiltà tal-politika komuni dwar il-migrazzjoni għandha tinżamm permezz tat-teħid ta' miżuri effettivi kontra l-kategoriji ta' migranti msemmijin hawn fuq safejn jirrigwarda r-ritorn permanenti lejn il-pajjiżi ta' oriġini jew residenza tagħhom, sakemmm id-dħul tagħhom huwa pprojbit mil-liġi.

It-tkabbir taż-żona Schengen joħloq sitwazzjoni li fiha l-piż tal-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, jiġifieri, l-attivitajiet kollha konnessi mal-proċeduri ta' ritorn u riammissjoni, jintefa' fuq dawk il-pajjiżi li għandhom fruntieri Schengen esterni. Dan jimplika li l-qofol għall-ġlieda effettiva tal-migrazzjoni illegali f'żona tant kbira mingħajr kontrolli tal-fruntieri interni għandu jibbaża fuq is-solidarjetà, il-fiduċja reċiproka u l-kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet rispettivi tal-Istati Membri. Il-mezzi finanzjarji disponibbli taħt strumenti finanzjarji tal-UE differenti għandhom jintużaw biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-politika ta' ritorn. Barra minn hekk, l-Aġenzija FRONTEX għandha tagħti l-appoġġ possibbli kollu fil-mandat tagħha għal din it-tip ta' ħidma.

Filwaqt li jittieħdu deċiżjonijiet u jintgħażlu l-miżuri li għandhom jintużaw għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali, ma jistax jintesa li l-migranti illegali għandhom jiġu ttrattati b'mod uman u rispettuż, speċjalment jekk dawn huma vittmi ta' traffikar ta' bnedmin, li sussegwentement ġew abbużati minn min jimpjegahom. Minħabba f'hekk il-kwistjoni tal-osservanza tad-drittijiet bażiċi u tal-prinċipju ta' non-refoulement hija waħda mill-prijoritajiet tal-politika komuni dwar il-migrazzjoni.

Matul it-twettiq tar-ritorn, huwa importanti ħafna li tiġi segwita r-regola li tingħata prijorità lir-ritorni volontarji, partikolarment dawk appoġġati minn programmi differenti mfasslin speċifikament għal dan il-għan, aktar milli t-tneħħija li għandha ssir biss bħala l-aħħar għażla. Huwa għal din ir-raġuni li huwa importanti ħafna li l-partijiet kollha kkonċernati jingħataw l-aktar informazzjoni possibbli dwar id-disponibbiltà tal-appoġġ li jista' jingħata lil dawk li jiddeċiedu li jirritornaw, permezz ta' organizzazzjonijiet li jispeċjalizzaw dwar dawn il-kwistjonijiet, pereżempju l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (OIM). Fit-tul, aktar ma jsiru dawn it-tipi ta' ritorni, aktar isiru effettivi.

Fattur ieħor ta' importanza għat-twettiq effettiv ta' ritorni hija l-verifika pożittiva, bil-mezzi legali possibbli kollha, taċ-ċittadinanza u l-identità tal-persuni li jridu jiġu ritornati, u li m'għandhomx dokumenti tal-ivvjaġġar proprji. Dokument tal-ivvjaġġar Ewropew maħruġ għal persuni soġġetti għal tkeċċija huwa soluzzjoni li jista' jintuża biex jissimplifika l-proċedura ta' ritorn.

L-Istati Membri, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew qegħdin jaħdmu biex jiġu żviluppati standards komuni f'dan ir-rigward. Matul il-perijodu 2005 – 2008 saret ħidma sabiex tiġi elaborata direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tiddefinixxi għall-Istati Membri kollha tal-UE standards u proċeduri ta' tneħħija komuni li għandhom jintużaw fil-każ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jibqgħu illegalment fit-territorju tal-Unjoni. Id-direttiva għandha l-għan li toħloq regoli komuni rigward ir-ritorn, it-tneħħija, l-użu ta' forza raġonevoli u mezzi ta' kxif, kif ukoll li tiġi introdotta projbizzjoni ta' dħul għal migranti illegali.

Sabiex titjieb l-effettività tal-attivitajiet konnessi mar-ritorni, il-Kummissjoni Ewropea f'konformità mal-mandati mill-Kunsill, qegħda tkompli l-isforzi tagħha sabiex tikkonkludi aktar ftehimiet dwar ir-riammissjoni ma' pajjiżi terzi, inklużi pajjiżi li l-fruntieri tagħhom imissu mat-territorju tal-Unjoni, jew ma' pajjiżi bi pressjoni migratorja għolja.

L-għan ta' dan il-materjal huwa li ssir ġabra tal-esperjenza tal-Istati Membri fir-rigward tar-ritorn u r-riammissjoni u li jiġu deskritti l-aħjar prattiki f'dan ir-rigward. Dan jgħin biex jiġu unifikati l-proċeduri konnessi mal-organizzazzjoni tar-ritorni ta' migranti illegali u li r-ritorni jsiru aktar effettivi.

Il-kontenut ta' din il-parti tal-Katalgu Schengen rigward kwistjonijiet li għandhom jiġu koperti mid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment għandu applikazzjoni proviżorja. Bl-ebda mod m'għandhom jaffettwaw l-interpretazzjoni u t-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva u l-anqas ma jantiċipaw ir-riżultati ta' kwalunkwe dokumenti ta' Gwida tal-Kummissjoni futuri li jistgħu jiġu elaborati dwar kwistjonijiet koperti mid-Direttiva. Fid-dawl tat-tħejjija ta' dawn id-dokumenti ta' Gwida, il-Kummissjoni ma tendorsjax il-kontenut tar-rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki attwali.

## B. DETTALJI TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET U L-AĦJAR PRATTIKI

**1. ĦARSA ĠENERALI TA' ATTI LEĠISLATTIVI KOMUNITARJI U INTERNAZZJONALI RILEVANTI**

| RAKKOMANDAZZJONIJIET | L-AĦJAR PRATTIKI |
|---|---|
| 1. Il-miżuri ta' ritorn għandhom jibqgħu f'konformità mal-liġi applikabbli u għandhom jiġu applikati abbażi tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-atti legali internazzjonali li ġejjin:<br><br>- Il-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950<br>- Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Rigward l-Istatus ta' Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951 iffirmata f'Ġinevra u l-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 iffirmata fi New York li tikkumplimenta l-Konvenzjoni<br>- Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-tfal tal-20 ta' Novembru 1989<br>- Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Diċembru 2000<br>- Linji Gwida dwar ir-Ritorn Furzat, adottati mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fl-4 ta' Mejju 2005<br>- Il-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Oħrajn Krudili, Inumani jew Degradanti tal-10 ta' Diċembru 1984<br>- Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża relatat mat-tneħħija gradwali tal-kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom<br>- Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) | |

| | |
|---|---|
| - Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 2003/110/KE tal-25 ta' Novembru 2003 fuq l-għajnuna f'każijiet ta' transitu għal raġunijiet ta' tneħħija bl-ajru<br>- Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE tat-28 ta' Mejju 2001 dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet dwar l-espulsjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi<br>- Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment<br>- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/573/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-organizzazzjoni ta' titjiriet konġunti għat-tneħħija mit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew iktar, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma suġġetti ta' ordnijiet individwali ta' tneħħija<br>- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE tat-23 ta' Frar 2004 li tistabbilixxi l-kriterji u l-arranġamenti prattiċi għall-kumpens tal-iżbilanċi finanzjarji li jirriżultaw mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/40/KE dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet dwar it-tkeċċija ta' ċittadini ta' pajjiż terz<br><br>L-applikazzjoni ta' miżuri u proċeduri hija indispensabbli għar-ritorn ta' migranti illegali abbażi tad-dispożizzjonijiet legali msemmija direttament jew, fil-każijiet rilevanti, abbażi tal-inkorporazzjoni tagħhom fil-liġi nazzjonali.<br><br>Id-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen għandhom jiġu inkorporati fil-liġi nazzjonali sal-punt meħtieġ sal-iskadenzi stabbiliti f'dawk id-dispożizzjonijiet. | |

## 2. PROTEZZJONI KONTRA T-TNEĦĦIJA

| RAKKOMANDAZZJONIJIET | L-AĦJAR PRATTIKI |
|---|---|
| 2. L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' non-refoulement għall-protezzjoni ta' persuni, ġeneralment refuġjati, kontra r-ritorn tagħhom lejn il-postijiet fejn ħajjithom jew il-libertajiet tagħhom jistgħu jkunu mhedda. | Identifikazzjoni rapida ta' każijiet ta' persuni bi ħtieġa ġustifikata għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' non-refoulement.<br><br>Monitoraġġ kontinwu tas-sitwazzjoni fil-pajjiżi terzi. |
| 3. Ir-rispett tad-dritt ta' rikors għall-protezzjoni. | Ir-rispett ta' dikjarazzjonijiet verifikati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jfittxu l-protezzjoni. |
| 4. Ir-rispett ta' garanziji relatati mad-drittijiet tal-bniedem matul il-perijodu ta' detenzjoni u l-proċess ta' ritorn ta' migranti illegali. | Il-ħolqien ta' kondizzjonijiet adatti f'faċilitajiet ta' detenzjoni speċjalizzati.<br><br>Tiġi żgurata l-possibbiltà ta' kuntatt mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u mhux-governattivi rilevanti li jittrattaw każijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment. |

| 3. PROĊEDURI RIGWARD KATEGORIJI SPEĊJALI TA' ĊITTADINI TA' PAJJIŻI TERZI | |
|---|---|
| **RAKKOMANDAZZJONIJIET** | **L-AĦJAR PRATTIKI** |
| 5. Fir-rigward tal-familji, għandu jiġi rrispettat il-prinċipju tal-unità. | Safejn huwa possibbli, meta jitwettaq ir-ritorn ta' familja fil-pajjiż ta' oriġini għandu jittieħed kont tal-integrità tal-familja. |
| 6. Waqt it-twettiq tal-proċedura li tikkonċerna ċittadin ta' pajjiż terz li qiegħed fil-pajjiż illegalment li tirriżulta f'deċiżjoni ta' ritorn lejn il-pajjiż ta' oriġini jew residenza permanenti, dik il-persuna għandha tirċievi kura speċjali jekk hemm prova li hija kienet vittma ta' traffikar ta' bnedmin. | Meta titwettaq proċedura ta' ritorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz, huwa rrakkomandat li ssir diskussjoni ma' persuni minn gruppi ta' riskju sabiex ikun ipprovat li dik il-persuna setgħet kienet vittma ta' traffikar ta' bnedmin.<br><br>Jiġu pprovduti programmi speċjali għall-vittmi ta' traffikar ta' bnedmin, inklużi assistenza, protezzjoni u appoġġ psikoloġiku minn professjonisti.<br><br>Huwa importanti li dawn il-persuni ma jitqiegħdux f'faċilitajiet ta' detenzjoni qabel ir-ritorn tagħhom, sakemm ma jitqiesx assolutament meħtieġ.<br><br>L-istabbiliment tal-kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet oħrajn involuti fl-għoti ta' għajnuna lill-vittmi ta' traffikar ta' bnedmin. |
| 7. Persuni, li l-kondizzjonijiet psikofiżiċi tagħhom jindikaw li dawn x'aktar għaddew minn esperjenzi trawmatiċi, għandhom jiġu ttrattati b'attenzjoni speċjali. | L-għoti ta' għajnuna immedjata għal tali kategorija ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż aċċess għal kura medika u psikoloġika adegwata.<br><br>L-għoti ta' konsiderazzjoni adegwata għall-kxif ta' tali kategorija ta' persuni u jekk jiġu detenuti, il-provvediment ta' mezzi protettivi. |
| 8. Il-proċeduri għal persuni b'diżabbiltà għandhom jieħdu kont tal-ħtiġiet li jirriżultaw mill-istat ta' saħħa tagħhom. | L-adattament tal-faċilitajiet ta' detenzjoni għall-ħtiġiet tal-persuni b'diżabbiltà.<br><br>L-għoti ta' għajnuna partikolari u aċċess għall-kura medika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi b'diżabbiltà<br><br>L-għoti tal-kura meħtieġa matul il-proċedura ta' ritorn u l-pajjiż ta' oriġini jiġi infurmat dwar ir-ritorn tagħhom. |

| | |
|---|---|
| 9. Il-proċedura dwar minuri mhux akkumpanjati għandha tikkunsidra s-sitwazzjoni speċjali ta' tali kategorija ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. | Tiġi eżaminata bir-reqqa d-dikjarazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma minuri sabiex jinħeba l-fatt li fil-fatt m'għadhomx minuri.<br><br>Minuri mhux akkumpanjat jitqiegħed taħt il-kura ta' tutur.<br><br>Tiġi evitata l-prattika li l-minuri jitqiegħdu f'faċilitajiet ta' detenzjoni qabel ir-ritorn tagħhom, fejn jiġu ppreferuti mezzi protettivi oħrajn għat-twettiq tal-proċedura ta' ritorn, inkluża l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni meħuda.<br><br>Huwa preferibbli li l-minuri msemmijin hawn fuq jitqiegħdu f'akkomodazzjoni adegwata mmexxija minn istituzzjonijiet kompetenti. |
| 10. Huwa meħtieġ li jittieħdu passi adatti mmirati li jiżguraw biżżejjed kura u protezzjoni għal minuri mhux akkumpanjati. | Tiġi żgurata l-kura tal-minuri permezz ta' tutur maħtur, matul ir-ritorn tal-minuri jew billi familthom tiġi kkuntattjata qabel il-wasla tagħhom.<br><br>Titniedi u/jew tinżamm kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet mhux governattivi li jieħdu ħsieb każijiet ta' minuri mhux akkumpanjati.<br><br>Korsijiet ta' taħriġ speċjali u seminars għal rappreżentanti ta' istituzzjoni kompetenti li jkopru l-kwistjoni tal-protezzjoni u l-kura ta' minuri mhux akkumpanjati huma ta' benefiċċju. |

| 4. DEĊIŻJONIJIET TA' RITORN | |
|---|---|
| **RAKKOMANDAZZJONIJIET** | **L-AĦJAR PRATTIKI** |
| 11. Id-deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom jinħarġu bil-miktub; huma għandhom jindikaw il-bażi legali u jinkludu ġustifikazzjoni li tiddefinixxi s-sitwazzjoni attwali tal-persuna kkonċernata, kif ukoll dwar id-dritt ta' appell kontra d-deċiżjoni. | Skont ir-rekwiżiti tal-acquis ta' Schengen, għandhom jiġu definiti sewwa, skont dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni komuni, regoli dettaljati rigward il-proċeduri, il-prinċipji, il-kondizzjonijiet u l-effetti tal-ħruġ ta' deċiżjoni ta' ritorn, kif ukoll ta' eżenzjoni minn tali deċiżjonijiet għal persuni li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment. |
| 12. L-implimentazzjoni volontarja ta' deċiżjonijiet ta' ritorn fi skadenzi definiti għandha tiġi garantita, b'eċċezzjonijiet possibbli, speċjalment fejn hemm riskju għas-sigurtà tal-Istat jew għall-ordni pubbliku. | L-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet ta' ritorn volontarji rigward ċittadini ta' pajjiżi terzi inklużi l-appoġġ u l-assistenza minn programmi u istituzzjonijiet speċjali. |
| 13. Il-kontenut tad-deċiżjoni ta' ritorn tista' tinkludi stima tal-ispejjeż involuti rigward ir-ritorn tal-persuna kkonċernata. Il-kontenut tad-deċiżjoni ta' ritorn għandu jindika min għandu jħallas l-ispejjeż. L-irkupru tal-ispejjeż għandu jkun is-suġġett ta' proċedura separata. | L-użu tal-mezzi legali kollha biex dawk kollha li jimpjegaw illegalment lill-immigranti, dawk il-persuni jew l-istituzzjonijiet li jistiednuhom, dawk li jġorru l-immigranti u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi infushom iħallsu l-ispejjeż tar-ritorn, meta jiġu implimentati d-deċiżjonijiet ta' ritorn. |
| 14. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz soġġett għall-proċedura ta' ritorn għandu jiġi infurmat dwar il-kontenut tad-deċiżjoni ta' ritorn f'lingwa li huwa jista' jifhem jew li raġonevolment jista' jkun preżunt li huwa jifhem. | Tiġi aċċertata l-lingwa li l-persuna tista' tifhem jew li raġonevolment jista' jkun preżunt li hija tifhem matul il-proċedura ta' ritorn jew kwalunkwe proċedura oħra.<br><br>Huwa utli li jinħolqu formoli standard ta' deċiżjonijiet ta' ritorn fil-lingwi ewlenin ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li qegħdin fil-pajjiż illegalment. |
| 15. Id-deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom jinkludu wkoll pieni fil-forma ta' projbizzjoni ta' dħul għal perijodu ta' żmien definit, skont ir-raġunijiet li dwarhom inħarġu. | Jiġu pprovduti strumenti adatti li jirriżultaw mil-leġislazzjoni nazzjonali u/jew tal-UE sabiex jiġu eżegwiti l-pieni, bħal sistema ta' informazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet tal-fruntiera, il-pulizija, il-ġudikatura u l-migrazzjoni li tirreġistra l-persuni soġġetti għal projbizzjoni ta' dħul.<br><br>Projbizzjoni ta' dħul għandha tkun applikata kif suppost kif implimentata minn Stati Membri oħrajn sabiex tiġi evitata s-sitwazzjoni fejn raġunijiet identiċi għal deċiżjoni ta' ritorn jirriżultaw f'tul ta' projbizzjoni ta' dħul diverġenti ħafna. |

| 5. ARREST TA' ĊITTADIN TA' PAJJIŻ TERZ | |
|---|---|
| **RAKKOMANDAZZJONIJIET** | **L-AĦJAR PRATTIKI** |
| 16. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li qegħdin fil-pajjiż illegalment għandhom arrestati b'konsiderazzjoni debita għad-dinjità u d-drittijiet bażiċi tal-persuna arrestata. | Jiġi garantit li l-persuni arrestati jingħataw informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom b'lingwa li huma jistgħu jifhmu jew li raġonevolment jista' jiġi preżunt li jifhmu.<br><br>Immedjatament tingħata informazzjoni dwar ir-raġunijiet legali għall-arrest<br><br>Jingħataw vista u kura medika immedjatament meta meħtieġ u/jew mitlub mil-liġi.<br><br>Il-persuna arrestata titqiegħed fi kmamar apposta u adattati speċifikament li jikkonformaw mal-istandards ta' sigurtà u iġene. |

| 6. DETENZJONI TA' ĊITTADINI TA' PAJJIŻI TERZI F'ĊENTRI TA' DETENZJONI | |
|---|---|
| **RAKKOMANDAZZJONIJIET** | **L-AĦJAR PRATTIKI** |
| 17. Is-soġġorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz f'ċentru ta' detenzjoni għandu jitqies bħala l-aħħar għażla u għandu jkun l-iqsar possibbli bil-għan li jiġi esegwit ir-ritorn; għandu jiġi esegwit, meta mitqies meħtieġ, bħala l-aħjar mod effettiv biex jitħejja u jitwettaq il-proċess ta' tneħħija jew biex tiġi esegwita d-deċiżjoni ta' ritorn li ttieħdet preċedentement. Id-detenzjoni m'għandhiex titqies bħala kastig. | Awtorità intitolata li tordna detenzjoni u/jew qorti tal-ġustizzja għandha tkun l-unika awtorità li tordna t-tqegħid ta' ċittadin ta' pajjiż terz f'ċentru ta' detenzjoni.<br><br>Kull każ għandu jiġi eżaminat individwalment.<br><br>Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu garantiti d-dritt ta' appell kontra deċiżjoni tal-qorti jew ta' awtorità kompetenti oħra.<br><br>Id-deċiżjoni tal-qorti jew l-awtorità għandha tiġi riveduta immedjatament jekk minħabba raġunijiet legali, tekniċi jew oħrajn huwa impossibbli li d-deċiżjoni ta' ritorn tiġi esegwita. |
| 18. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi mqegħdin f'ċentri ta' detenzjoni għandhom ikollhom aċċess għall-informazzjoni fil-qasam tal-assistenza legali kif ukoll rigward drittijiet oħrajn, matul is-soġġorn tagħhom f'ċentru ta' detenzjoni. Huma għandhom jiġu infurmati wkoll dwar l-obbligi tagħhom. | Ċittadin ta' pajjiż terz għandu jiġi infurmat dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu u pprovdut bir-regolamenti legali li jirregolaw id-detenzjoni f'tali ċentri, f'lingwa li l-persuna tista' tifhem jew li raġonevolment jista' jiġi preżunt li tifhem. L-informazzjoni għandha tingħata immedjatament mal-wasla f'tali ċentri.<br><br>Għandhom jiġu pprevisti żjajjar regolari minn organizzazzjonijiet mhux governattivi li jipprovdu assistenza legali liċ-ċentri ta' detenzjoni u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu infurmati dwar il-possibbiltà li jikkonsultawhom. |
| 19. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jistennew it-tneħħija m'għandhomx jinżammu flimkien ta' persuni ssentenzjati jew persuni ssuspettati li wettqu reat. | Kemm jista' jkun, iċ-ċentri ta' detenzjoni għandhom ikunu f'binjiet allokati għal dan il-għan. |
| 20. L-istandards u l-kondizzjonijiet taċ-ċentri ta' detenzjoni kif ukoll il-kondizzjonijiet ta' detenzjoni għandhom jiġu standardizzati. | Kemm jista' jkun, l-istandards u l-kondizzjonijiet taċ-ċentri ta' detenzjoni kif ukoll il-kondizzjonijiet ta' detenzjoni taħt il-liġi nazzjonali għandhom jiġu definiti. |

| | |
|---|---|
| 21. Il-minuri, speċjalment il-minuri mhux akkumpanjati, għandhom jinżammu f'tali ċentri ta' detenzjoni biss meta ma hemm l-ebda possibbiltà oħra li titwettaq effettivament il-proċedura ta' ritorn taħt kondizzjonijiet garantiti. | Fil-faċilitajiet għandhom jiġu allokati kmamar separati għal minuni mhux akkumpanjati fejn jiġi pprevenut il-kuntatt ma' adulti mhux relatati.<br><br>Il-minuri li jinsab f'ċentru ta' detenzjoni għandu jkun iggarantit l-aċċess għall-edukazzjoni bażika.<br><br>Fl-infrastrutturi taċ-ċentri ta' detenzjoni għandhom jiġu previsti postijiet għall-edukazzjoni, ir-rikreazzjoni, l-isports u attivitajiet oħra ta' divertiment. |

| 7. IDENTIFIKAZZJONI U ĦRUĠ TA' DOKUMENTI PROVIŻORJI TA' VVJAĠĠAR | |
|---|---|
| **RAKKOMANDAZZJONIJIET** | **L-AĦJAR PRATTIKI** |
| 22. Għandhom jinstabu metodi alternattivi, apparti l-kuntatt tradizzjonali ma' missjonijiet diplomatiċi tal-pajjiżi ta' oriġini ta' immigranti illegali, sabiex tiġi vverifikata ċ-ċittadinanza u l-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom jitneħħew. | Ikun utli li titniedi u tiġi stabbilita kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet responsabbli għal dawn il-kwistjonijiet fil-pajjiż li minnhom waslu l-immigranti illegali u/jew mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom.<br><br>Jiġu organizzati żjajjar ta' esperti mill-awtoritajiet imsemmijin hawn fuq sabiex jiġu vverifikati ċ-ċittadinanza u l-identità taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jistennew it-tneħħija.<br><br>Tiġi stabbilita l-kooperazzjoni mal-missjonijiet diplomatiċi fil-pajjiż ta' oriġini, bil-ħsieb li tiġi vverifikata ċ-ċittadinanza u l-identità.<br><br>Jiġu stabbiliti proċeduri ta' qabel il-verifika għaċ-ċittadinanza u l-identità ddikjarata miċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi billi jiġu organizzati intervisti ma' esperti lingwistiċi u kulturali li jistgħu jivverifikaw id-dikjarazzjonijiet magħmulin minn ċittadini ta' pajjiżi terzi.<br><br>Tkun utli li tiġi stabbilita bażi tad-data tal-informazzjoni meħtieġa biex tiġi vverifikata ċ-ċittadinanza ta' migranti illegali ta' pajjiżi terzi.<br><br>Jinstabu soluzzjonijiet mal-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi rigward il-possibbiltà li jintużaw dokumenti tal-ivvjaġġar Ewropej jekk iċ-ċittadinanza tal-persuni hija kkonfermata biċ-ċert u verifika dettaljata tista' ssir fil-fruntiera tal-pajjiż ta' ritorn. |
| 23. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-konferma taċ-ċittadinanza u l-identità ta' dawk li jirritornaw. | Għandu jintuża n-netwerk ICONET bħala l-istrument ta' ħidma fil-qasam relatat mar-ritorn inklużi l-operazzjonijiet konġunti ta' ritorn.<br><br>Parteċipazzjoni attiva fin-netwerk ta' Punti ta' Kuntatt Diretti dwar kwistjonijiet ta' ritorn li huma responsabbli għall-ksib ta' dokumenti tal-ivvjaġġar u tneħħija, ikkoordinata mill- |

| | |
|---|---|
| | Aġenzija FRONTEX.<br><br>Jinstab approċċ komuni u uniformi għall-proċeduri ta' konferma għaċ-ċittadinanza u l-identità ta' dawk li jirritornaw applikati minn pajjiżi terzi.<br><br>L-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni f'missjonijiet komuni f'pajjiżi terzi bil-għan li jiġu stabbiliti proċeduri effettivi għall-verifika taċ-ċittadinanza u l-identità, ikkofinanzjati wkoll mill-UE.<br><br>Il-kooperazzjoni ma' Stati Membri oħrajn fil-qasam tal-organizzazzjoni ta' żjajjar ta' esperti (etniċi) ta' pajjiżi terzi, li jistgħu jgħinu biex tiġi kkonfermata ċ-ċittadinanza u l-identità tal-immigranti illegali. |

| 8. FTEHIMIET TA' RIAMMISSJONI | |
|---|---|
| **RAKKOMANDAZZJONIJIET** | **L-AĦJAR PRATTIKI** |
| 24. It-tnedija u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni (UE) bilaterali u multilaterali, speċjalment ma' pajjiżi ta' oriġini ta' immigranti illegali jew ta' pajjiżi ta' transitu sabiex jiġu ffaċilitati l-proċeduri għat-tneħħija ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. | Il-konklużjoni ta' ftehimiet jew arranġamenti ta' riammissjoni fil-livell ta' ħidma (pereżempju Memorandum ta' Ftehim), li jgħinu sabiex tiżdied l-effettività tar-ritorni. |
| 25. It-tnedija ta' metodi ġodda għall-implimentazzjoni effettiva tal-ftehimiet jew l-arranġamenti ta' riammissjoni. | L-istabbiliment ta' kooperazzjoni diretta fil-livell ta' ħidma mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, li huma inkarigati minn kwistjonijiet ta' migrazzjoni tkun mezz effettiv biex jiġu implimentati l-ftehimiet ta' riammissjoni.<br><br>Żjajjar minn esperti minn pajjiżi marbuta bi ftehimiet jew arranġamenti ta' riammissjoni, sabiex jiġu vverifikati ċ-ċittadinanza u l-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għat-tneħħija. |
| 26. Monitoraġġ permanenti tal-fattibbiltà tal-ftehimiet fis-seħħ. | Laqgħat regolari fil-livell ta' ħidma għall-evalwazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-ftehimiet jew l-arranġamenti.<br><br>Użu sħiħ tal-gruppi ta' ħidma eżistenti jew ta' forums oħrajn bil-għan li tiġi skambjata informazzjoni dwar tali kwistjonijiet. |

## 9. TNEĦĦIJA

| RAKKOMANDAZZJONIJIET | L-AĦJAR PRATTIKI |
|---|---|
| 27. It-tneħħija għandha tintuża bħala l-aħħar soluzzjoni biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn. | Għandhom jiġu stabbiliti punti ta' kuntatt fil-pajjiżi ta' transitu sabiex jiġu ffaċilitati t-tneħħijiet kemm bl-ajru kif ukoll bl-art.<br><br>L-implimentazzjoni ta' tali operazzjonijiet permezz ta' persunal imħarreġ fl-użu ta' miżuri ta' koerzjoni u dwar id-drittijiet tal-bniedem, inklużi xi ħiliet bażiċi f'lingwi barranin.<br><br>L-użu tal-aħjar prattiki għat-tneħħija mill-awtoritajiet rilevanti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li qegħdin fil-pajjiż illegalment li ġew identifikati minn FRONTEX, inklużi r-regolamenti ta' sikurezza.<br><br>Il-kooperazzjoni mill-qrib mat-trasportaturi tal-ajru ċivili hija essenzjali. |
| 28. It-tneħħija għandha tkun appoġġata minn kooperazzjoni internazzjonali. | L-operazzjonijiet konġunti ta' ritorn huma ta' għajnuna sabiex tiżdied l-effettività tat-tneħħija.<br><br>Il-kooperazzjoni mal-Aġenzija FRONTEX għandha tiġi intensifikata.<br><br>L-użu tal-ICONET għall-iskambju ta' informazzjoni hija kruċjali sabiex ikun hemm kooperazzjoni effettiva.<br><br>Jiġu stabbiliti punti ta' kuntatt fi ħdan l-Istati Membri. |
| 29. L-operazzjonijiet ta' tneħħija għandhom jitwettqu b'konsiderazzjoni debita għad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tal-bniedem. | L-iżvilupp u l-intensifikar ta' korsijiet ta' taħriġ għall-persunal ta' skorta filwaqt li jinstaħqu l-aspetti ta' drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tal-bniedem.<br><br>Jiġu kkunsidrati bis-serjetà aspetti ta' diversità kulturali u reliġjużi. |

| 10. L-IFFAĊILITAR TA' RITORNI VOLONTARJI ASSISTITI | |
|---|---|
| **RAKKOMANDAZZJONIJIET** | **L-AĦJAR PRATTIKI** |
| 30. Ir-ritorni volontarji assistiti għandhom jikkostitwixxu għażla għar-ritorn għal ċittadini ta' pajjiżi terzi. | Id-distribuzzjoni ta' informazzjoni fost iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fir-rigward tar-regoli u l-prinċipji ta' ritorni volontarji assistiti hija kruċjali.<br><br>Il-ħolqien ta' programmi bil-għan li jiġu organizzati u mwettqa r-ritorni volontarji assistiti f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u mhux governattivi permezz tal-fondi tal-UE adatti.<br><br>Kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali jew mhux governattivi biex jiġu promossi r-ritorni volontarji assistiti.<br><br>It-twettiq ta' kampanja ta' informazzjoni biex jiġu promossi r-ritorni volontarji assistiti, inklużi laqgħat ma' rappreżentanti tad-dijaspora u l-missjonijiet diplomatiċi tal-pajjiż ta' oriġini tal-immigranti illegali, permezz ta' organizzazzjonijiet rilevanti.<br><br>Seminars u sessjonijiet ta' ħidma organizzati bejn ir-rappreżentanti li huma inkarigati minn tali kwistjonijiet huma forums tajbin għall-iskambju ta' esperjenza u fehmiet.<br><br>Il-faċilitazzjoni ta' ritorni volontarji assistiti billi jinħolqu soluzzjonijiet legali li jimminimizzaw il-konsegwenzi ta' residenza illegali. |
| 31. It-tisħiħ tas-sostenibbiltà ta' ritorni volontarji assistiti billi jitniedu attivitajiet bil-għan li tiġi stabbilita perspettiva għat-tul. | Appoġġ għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jagħżlu r-ritorn volontarju assistit b'fondi addizzjonali allokati sabiex iniedu attività ekonomika wara r-ritorn.<br><br>L-għoti ta' taħriġ dwar ħiliet professjonali qabel ir-ritorn volontarju assistit jew wara r-ritorn fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom jista' jħejji lil dawk li jirritornaw għal impjieg f'ċerti impjiegi. |

| 11. KOOPERAZZJONI MA' ORGANIZZAZZJONIJIET MHUX GOVERNATTIVI (NGOS) | |
|---|---|
| **RAKKOMANDAZZJONIJIET** | **L-AĦJAR PRATTIKI** |
| 32. Iż-żamma ta' kuntatti bejn l-awtoritajiet governattivi nazzjonali, l-NGOs u l-organizzazzjonijiet internazzjonali li jaħdmu fil-qasam tar-ritorn u jittrattaw każijiet ta' ċittadini minn pajjiżi terzi. | Il-ħolqien ta' kanali ta' informazzjoni u l-organizzazzjoni ta' laqgħat perijodiċi bejn il-persuni u l-organizzazzjonijiet responsabbli. L-iskambju ta' informazzjoni tinkludi reviżjonijiet u evalwazzjonijiet ta' proċeduri u programmi ta' ritorn u l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki.<br><br>L-organizzazzjoni ta' taħriġ, sessjonijiet ta' ħidma u seminars konġunti u d-disseminazzjoni tal-aħjar prattiki. |
| 33. Il-ħolqien ta' sistema ta' monitoraġġ fil-qasam tar-ritorn. | Il-konklużjoni ta' arranġamenti mal-awtoritajiet ikkonċernati li jispeċifikaw il-ħtiġiet u l-metodi għall-miżuri ta' monitoraġġ. |

| 12. GĦAJNUNA/PARIRI LEGALI GĦAL ĊITTADINI TA' PAJJIŻI TERZI | |
|---|---|
| **RAKKOMANDAZZJONIJIET** | **L-AĦJAR PRATTIKI** |
| 34. Il-possibbiltà li jinkisbu pariri legali u rappreżentant legali bla ħlas u, jekk meħtieġ, l-assistenza ta' interpretu. | L-għoti ta' informazzjoni rilevanti fil-lingwa li l-persuna tista' tifhem jew li raġonevolment jista' jiġi preżunt li tifhem, inklużi l-kondizzjonijiet għall-kisba ta' pariri jew rappreżentant legali bla ħlas.<br><br>Tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' interpreti għall-istituzzjonijiet nazzjonali. |

______________